# dawl Franġiskan

LEHEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN



OTTUBRU 2014 ■ L-34 SENA ■ GHADD 343

NEWSPAPER POST ■ IISN 1811-5373

# Werrej


3 **Editorjal**
Il-Futur tal-Knisja: Il-Karizma Franġiskana

5 **Kotba Mqaddsa**
Mill-Kitba li ħallielna Fr Donat Spiteri OFMCap

6 **Franġiskaneżmu**
Fr Ivan Scicluna OFMCap

8 **Storja u Arti**
Patri Baskal Magro, OFMConv

11 **Poeżija**
Filippu Chircop

12 **Kappelli fdati f'idejn il-Kapuċċini**
Max Farrugia

14 **Qaddisin fi ħdan il-Knisja**
Alfred Cachia

16 **Knisja Ħajja: Ħidma u Aħbarijiet**
Fr Silvestru Bonavia OFMCap

18 **Riflessjoni**
Joe Farrugia

20 **Ħutna Kapuċċini li ħallewna (L-Ewwel Parti)**
Fr Martin Micallef OFMCap Min. Prov.

22 **40 Sena ta' Preżenza fil-Kenja**
Intervista minn Fr Philip Cutajar OFMCap

25 **Il-Familja skont l-Evanġelju**
Dun Pawl Camilleri, B.A., Lic.D.

28 **Pastorali tal-Familja**
Fr Joe Mizzi, Direttur Moviment ta' Kana

30 **Kultura**
Ktieb ta' Joe M. Attard

31 **Kompetizzjoni**
Fr Wistin Attard OFMCap




dawl Franġiskan
LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

Il-Papa Franġisku jgħannaq lill-Ministru Ġenerali tal-Ordni Franġiskan tal-Kapuċċini Padre Mauro Johri. Papa Ġiżwita mgħannaq ma' Ġeneral Franġiskan. Tgħanniqa ta' żewġ karizmi: dik Injazjana u dik Franġiskana. Il-Papa Franġisku huwa "Ġiżwita" fil-VOKAZZJONI tiegħu, imma huwa "Franġiskan" fil-MISSJONI li qed iwettaq u jgħix. Hekk kif jistqarr tajjeb ferm Padre Mario von Galli s.j.(1904-1987): *"Il-futur tal-Knisja huwa l-Karizma Franġiskana."* *(Ara l-ktieb tiegħu:* "Living our Future: Francis of Assisi and the Church Tomorrow", 1972.)


**Direzzjoni u Amministrazzjoni**

Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

***Telefown:*** 2123 3874,
2122 5525,
2123 4949

***Imejl:***
cutajarphilip777@gmail.com

***IISN 1811-5373***

***Disinn u Stampar***
Best Print Co. Ltd
***Telefown:*** 2168 0789

*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriżerva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*



***© Dawl Franġiskan 2014***
***Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini***



Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena.

Kull offerta, barra mill ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, u għandha tintbagħat lid-Direttur:

**Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211**



**Bord Editorjali**

***Editur***
Fr Philip Cutajar OFMCap

***Amministratur***
Fr Crispin Tabone OFMCap

***Distributuri Malta***
Dorian Holland OFS

***Distributuri Għawdex***
Pierre E. Buttiġieġ OFS

***Membri***
Joe Debattista – GFF
Gordon Swain – ĠI.FRA



Il-Futur tal-Knisja:

# Il-Karizma Franġiskana

Fil-faċċata ta' din il-pubblikazzjoni ta' din ir-Rivista tad-'Dawl Franġiskan' ta' Ottubru għandna, kif inhu xieraq għal dan ix-xahar magħqud mal-festa ta' San Franġisk ta' Assisi, lill-Papa Franġisku mgħannaq mal-Ministru Ġeneral tal-Ordni Franġiskan Kapuċċin Fra Mauro Johri. Fit-tifsira li diġà tajna għal din l-istampa tal-faċċata għidna li, minbarra li għandna tgħanniqa ta' Papa ma' Superjur ta' Ordni Reliġjuż, għandna tgħanniqa ta' żewġ karizmi: il-karizma ta' San Injazju ta' Loyola, il-Ġiżwiti, mal-karizma ta' San Franġisk ta' Assisi, il-Franġiskani.

## IRRID LI NKUN IMSEJJAĦ "FRANĠISKU"

Kienet sorpriża li ġabet ferħ fil-Knisja meta l-Kardinal Jorge Bergoglio ġie elett bħala Papa għażel li jkun imsejjaħ bl-isem ta' Papa Franġisku. Isem li miegħu hemm marbuta mhux biss karizma partikulari imma wkoll storja fil-ħajja tal-Knisja għal dawn l-aħħar 850 sena. Kardinal Ġiżwita li jagħżel li jkun imsejjaħ bl-isem ta' Franġisku. Fil-fatt fil-bidu ħafna ħasbu li huwa kien għażel dan l-isem għall-qaddis Ġiżwita San Franġisku Saverju, missjunarju kbir. Però huwa għamilha ċara sa mill bidu li l-ispirazzjoni tiegħu għal dan l-isem kien San Franġisk ta' Assisi. U nemmnu li mal-għażla tal-isem, ħafna drabi jkun hemm ukoll l-għażla ta' missjoni, l-għażla ta' karizma, l-għażla ta' stil ta' ħajja magħqudin ma' dak l-isem. U dan seħħ u għadu qed iseħħ fl-istil tal-pontifikat tal-Papa Franġisku.

## IL-FUTUR TAL-KNISJA HUWA: IL-KARIŻMA FRANĠISKANA

Huwa interessanti dak li jikteb awtur famuż Ġiżwita, Mario von Galli s.j., li għex bejn is-snin 1904 u 1987, fil-ktieb li huwa ppubblika fis-sena 1972 bl-isem qawwi u profetiku, li forsi mhux kulħadd jaqbel miegħu, ta' *"LIVING OUR FUTURE: FRANCIS OF ASSISI AND THE CHURCH TOMORROW"*. L-awtur, inżommu f'moħħna li huwa awtur Ġiżwita li qed jgħid dan, jistqarr li l-futur tal-Knisja huwa l-karizma Franġiskana. Forsi dan kien wieħed mill-motivi li għalih il-Kardinal Jorge għażel li jkollu dan l-isem bħala Papa?

Ħafna jsostnu li għandna Papa b'moħħ ta' Ġiżwita għall-formazzjoni li rċieva, imma b'qalb ta' Franġiskan għall-esperjenzi li għadda minnhom fil-faqar tal-Arġentina bħala saċerdot u isqof. Għandna Papa li bil-vokazzjoni tiegħu huwa Ġiżwita, imma bil-missjoni li qed iwettaq huwa aktar Franġiskan.



## ŻEWĠ KARIŻMI MAGĦQUDA GĦALL-ĠID TAL-KNISJA

Ma nixtieqx li niftiehem ħażin u qisni qed inġelled żewġ karizmi biex ngħid liema hi l-aqwa u l-aħjar. Ma rridx niftiehem li qisni qed indaħħal lill-Papa

Franġisku f'konflitt ta' karizmi bejn dik ta' Ġiżwita u dik Franġiskana. Kull karizma għax hija don mogħti mill-Ispirtu s-Santu hija tajba meta aħna nħaddmuha għall-ġid tal-komunità. U li persuna jkollha fiha diversità ta' karizmi li jirnexxilha tgħaqqadhom flimkien din ukoll hija ħidma tal-Ispirtu s-Santu.

## KARATTERISTIĊI KOMUNI: IL-FAQAR

Però meta niflu fil-profond dawn iż-żewġ karizmi: kemm dik ta' San Injazju ta' Loyola u dik ta' Franġisk ta' Assisi, insibu diversi elementi komuni bejniethom. Jekk nitkellmu mill-faqar, li normalment norbtuh aktar ma' San Franġisk, ma nistgħux ngħidu li dan ma kienx ukoll qawwi fil-ħajja u l-karizma tal-qaddis ta' Manresa. Iż-żewġ qaddisin kienu jissaħħru jħarsu lejn Ġesù kemm fil-faqar tal-Inkarnazzjoni u t-Twelid u mhux inqas tal-mewt tiegħu. Forsi d-differenza li nistgħu ngħidu li teżisti bejniethom hija li: filwaqt li l-qaddis ta' Assisi wassal il-valur tal-faqar bħala realtà eżistenzjali permezz ta' ħajtu, il-qaddis ta' Loyola wassal il-valur tal-faqar fit-tagħlim li ħallielna speċjalment fl-Eżerċizzi Spiritwali bħala realtà aktar spiritwali. Imma t-tnejn jingħaqdu bħala żewġ uċuħ ta' munita waħda, kumplimentari bejniethom sabiex nimitaw lil Kristu sħiħ.

Din hija s-sejħa tal-Knisja li ħarġet imġedda bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu mill-Konċilju Vatikan II.

## "KNISJA FQIRA U TAL-FQAR."

Skont Mario von Galli s.j. li diġà għamilt referenza għalih, jgħid li matul id-diskussjonijiet li kien hemm bejn il-parteċipanti tal-Konċilju kien hemm diversi li riedu li jpoġġu lil dawn iż żewġ qaddisin: San Franġisk ta' Assisi u San Injazju ta' Loyola bħala mudelli għall-faqar li l-Knisja għandha tħaddan. Imma kien hemm min oġġezzjona għax ħass li huma wisq radikali. Forsi dan hu li issa l-Papa Franġisku sejjer iwettaq matul il-Pontifikat tiegħu?

## KARATTERISTIĊI OĦRA - IL-FERĦ

Jiena semmejt biss il-faqar bħala element komuni għaż-żewġ karizmi: dik Franġiskana u Inazjana. Però hemm oħrajn li l-ispazju ma jippermettix li nikteb dwarhom. Fosthom il-mod kif mal-faqar jgħaqqdu wkoll l-umiltà u s-sempliċità, l-imħabba kbira li t-tnejn li huma kellhom lejn il-Knisja, il-kapaċità li jitkellmu aktar bil-fatti tal-ħajja milli bil-kliem biss, iċ-ċentralità ta' Kristu fil-missjoni tagħhom, u oħrajn.

Karatteristika dominanti hija dik TAL-FERĦ li nsibuh kemm f'San Franġisk kif ukoll f'San Injazju. Huwa sinifikanti t-titlu li l-Papa Franġisku mar jagħti proprju lill-Ewwel Eżortazzjoni Appostolika tiegħu: IL-FERĦ TAL-VANĠELU (Evangelii Gaudium). Tgħid minn min ġie influwenzat? San Injazju jitkellem mill-ferħ li jħalli fina l-Evanġelju. Il-Kardinal Ġiżwita Carlo Maria Martini għandu ktieb jismu "*La Gioia del Vangelo*". Imma nafu wkoll kemm il-"*Perfecta Letitia*" hija karatteristika ewlenija fil-karizma tal-Fqajjar ta' Assisi. Dan kien isib il-ferħ tiegħu mhux daqstant fil-ktieb tal-Vanġelu imma fil-persuna ta' Ġesù Kristu.




Nemmen li fil-Papa Franġisku qed ikollna din it-taħlita fenomenali frott il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, it-taħlita bejn il-qawwa u l-għerf tal-karizma ta' San Injazju ta' Loyola mat-tjubija, l-umanità u s-sempliċità ta' Franġisku minn Assisi bil-għan li l-Knisja jkollha l-mexxej, ir-ragħaj li għandha bżonn illum. Nawguraw u fuq kollox inkomplu nitolbu sabiex dan ikompli jseħħ għall-ġid tal-Knisja u fuq kollox għall-glorja ta' Alla.



# Ix-Xibka fil-Baħar

> *"Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah ukoll lil xibka mixħuta l-baħar li fiha jinġabar minn kollox. Meta timtela jtellgħuha x-xatt, u joqogħdu bilqiegħda, jiġbru fil-kannestri dak li jkun tajjeb u jarmu l-ħażin. Hekk jiġri fi tmiem id-dinja: l-anġli joħorġu jifirdu l-ħżiena mill-ġusti, u jixħtuhom fil-ħuġġieġa tan-nar; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien."*
>
> Mt 13, 47-50

Din il-parabbola, li hi fl-Evanġelju ta' San Mattew biss, għandha l-istess tagħlima tal-parabbola tas-sikrana. Hi meħuda mill-ħajja tas-sajjieda. Is-sengħa tas-sajd kienet l-aqwa fl-ibliet ta' matul ix-xatt tal-Baħar tal-Galilija. L-aktar li kienu jistadu kien bix-xibka li jew kienu jixħtuha max-xatt (Eżek 47, 10; Hab 1,15) jew joħorġu 'l barra bid-dgħajsa jew b'żewġ dgħajjes u jifirxuha fil-baħar (Is 19,8); imbagħad jiġbduha bil-ħut li jkun inqabad fiha. Dan tal-aħħar kien il-każ tas-sajda msemmija fil-parabbola.

Il-parabbola tax-xibka fiha żewġ partijiet:
Il-versi 47-48, il-parabbola proprja;
Il-versi 49-50, it-tifsira tagħha.

Fix-xibka jinqabad kull xorta ta' ħut; jingħad li fil-Baħar tal-Galilija hemm 24 kwalità ta' ħut. Il-ħut tajjeb hu dak li seta' jittiekel u l-ħut il-ħażin dak li ma kienx tajjeb għall-ikel jew li kien ipprojbit mil-liġi. (Lev 11, 10-12)

It-tifsira tal-parabbola bit-tagħlima tagħha hi l-istess bħal tal-parabbola tas-sikrana *(ara Dawl Franġiskan Ġunju-Lulju 2014 – Għadd 341)*: is-Saltna ta' Alla fuq l-art hi magħmula minn bnedmin tajbin u ħżiena; kulħadd jidħol fiha, imma mhux kulħadd tajjeb għaliha. Alla jissapporti l-ħżiena mat-tajbin sa ma jasal il-jum tal-għażla. Imbagħad meta jasal it-tmiem, jifred it-tajbin mill-ħżiena u jagħti lil kulħadd skont ma jkun ħaqqu. Il-kastig hu mfisser bi kliem u espressjonijiet ta' stil apokalitiku, kif iħobb jagħmel San Mattew.

Minn dawn iż-żewġ parabboli – tas-sikrana u tax-xibka – nitgħallmu li għandna nifhmu l-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni; inħallu għalih il-ġudizzju u mhux nippretendu li nagħmluh aħna (1 Kor 4,5). B'dawn il-parabboli Ġesù jwissi wkoll lid-dixxipli tiegħu biex jittolleraw il-ħażen ta' madwarhom u, għalkemm jixtiequ jeħilsu minnu, jistennew bis-sabar u l-fiduċja d-dehra sħiħa tas-Saltna ta' Alla meta jasal il-waqt. (Ara Mk 4,29)




 Fr Ivan Scicluna OFMCap

# San Franġisk jibgħat imejl għall-festa tiegħu...

L-4 t'Ottubru reġa' magħna ... il-festa ta' San Franġisk t'Assisi! Li kellu l-Qaddis Umbrijan jibagħtilna imejl għal din l-okkażjoni, nimmaġina li tkun waħda qasira, imma li tkun tolqot sewwa l-musmar fuq rasu. Nistħajjel li l-kliem ta' din l-imejl ikun biss dak li nsibu fis-sitt *Twissija* li l-Fqajjar t'Assisi ħalla lil Ħutu l-patrijiet u li fil-qosor tagħha tiġbor fiha l-ispirtu veru tal-festi li nagħmlu f'ġieħ il-qaddisin: *"Ħuti, ejjew ilkoll kemm aħna nsammru l-ħarsa tagħna fuq ir-Ragħaj it-Tajjeb li sofra l-Passjoni fuq is-salib biex isalva lin-nagħaġ tiegħu! In-nagħaġ tal-Mulej imxew warajh fit-taħbit u l-persekuzzjoni, fil-mistħija u l-ġuħ, fil-mard u fit-tiġrib, u f'kull prova oħra; u ta' dan kollu ħadu bħala premju mingħand il-Mulej il-ħajja ta' dejjem. Għalhekk, hu għajb kbir għalina, qaddejja ta' Alla, li, waqt li kienu l-qaddisin li għamlu l-għemejjel tajba, aħna rridu nieħdu l-glorja u l-ġieħ sempliċement għax noqogħdu nsemmu dak li għamlu huma!"*

Din it-*Twissija* ta' San Franġisk għandha minn trittiku. Il-kelma 'trittiku' (bil-Grieg *τρίπτυχον*, li litteralment tfisser 'tiltewa fi tlieta') tirreferi għal opra ta' arti li tinqasam fi tliet xeni li jkunu marbutin intimament ma' xulxin, fejn waħda tfisser aħjar lill-oħra.

Bl-istess mod, is-sitt *Twissija* ta' San Franġisk hija nisġa ta' tliet sentenzi li jibnu fuq xulxin: (i) fl-ewwel sentenza, Franġisku jippreżenta lil Ġesù bħala mudell u gwida taħt ix-xbieha tar-*Ragħaj it-Tajjeb*; (ii) fil-frażi ċentrali tat-*Twissija* jdawrilna ħarsitna fuq id-dixxipli ta' Ġesù – *"in-nagħaġ tal-Mulej"* – determinati li jimxu warajh fit-triq tas-salib; (iii) fit-tielet u l-aħħar sentenza jasal għal applikazzjoni prattika bl-għan li min qed jismagħha jew jaqraha jidħol daħla fih innifsu u jirrifletti. Nistgħu ngħidu li dawn it-tliet partijiet tat-*Twissija* huma rappreżentati minn tliet kelmiet prinċipali: (a) ir-Ragħaj it-Tajjeb; (b) in-nagħaġ; u (ċ) aħna.

## L-EWWEL XENA: IR-RAGĦAJ IT-TAJJEB

Żewġ immaġini ta' Kristu li kienu ferm għal qalb San Franġisk huma l-Bambin ta' Greccio u l-Imsallab ta' San Damjan. Iżda s-sitt *Twissija* turina li, minbarra dawn, lil Franġisku kienet togħġbu wkoll il-figura tar-Ragħaj it-Tajjeb. Dan jidher ukoll f'siltiet oħra mill-kitbiet tal-qaddis. Pereżempju, fit-22 kapitlu tar-*Regola Mhux Bullata*, Franġisku jeżorta u jgħid: "Niġru għal għandu (il-Missier) għalhekk, bħallikieku għal għand ir-Ragħaj u l-Isqof ta' ruħna, li jgħid: Jien ir-ragħaj it-tajjeb, u nirgħa n-nagħaġ tiegħi u

naghti hajti għan-nagħaġ tiegħi." Anki fit-tieni *Ittra lill-Insara*, Franġisku jikkontempla l-imħabba tar-Ragħaj it-Tajjeb meta jistqarr, "O kemm hi ħaġa ta' min jixtieqha fuq kull ħaġa oħra li, bħala Huna u Iben, ikollna 'l Dak li ta ħajtu għan-nagħaġ tiegħu u talab lill-Missier għalina." Dawn is-siltiet juruna b'mod ċar kif fil-mentalità ta' San Franġisk, it-tifkira tar-Ragħaj it-Tajjeb qatt mhi mifruda mill-għotja sħiħa ta' ħajtu għan-nagħaġ tiegħu; ir-Ragħaj li jsir fl-istess ħin il-Ħaruf issagrifikat għalina. Xi studjużi jsostnu li din l-idea Franġisku seta' ħadha minn innu antik tal-Għid li fih jitkanta l-kliem: "*Iam pascha nostrum Christus est, agnus occisus innocens*", jiġifieri, "Bħal ħaruf ġwejjed meħud għas-sagrifiċċju, Kristu huwa l-Għid tagħna."

## IT-TIENI XENA: IN-NAGĦAĠ

Ix-xena ċentrali ta' dan it-'Trittiku Franġiskan' (jiġifieri, it-tieni vers tat-*Twissija* 6) tixhed kemm hi vera l-kelma ta' Kristu fl-Aħħar Ċena meta qal: "... il-qaddej mhuwiex akbar minn Sidu. Jekk ippersegwitaw lili, għad jippersegwitaw lilkom ukoll." (Ġw 15,20) Fi kliem ieħor, jekk ir-Ragħaj-Ħaruf għadda mit-triq id-dejqa (Mt 7,13) tal-persekuzzjoni u tas-Salib, in-nagħaġ tiegħu "imxew warajh" minn din l-istess mogħdija. Hawnhekk, l-użu tal-verb fil-passat ("imxew") huwa importanti għax juri azzjoni li diġà seħħet realment. B'hekk Franġisku jippreżentalna l-qaddisin bħala mudelli li imitaw – 'mhux bil-kliem u



t-tpaċpiċ, imma bl-għemil u tassew' (1 Ġw 3,18) – lir-Ragħaj Divin fis-sagrifiċċju ta' ħajtu għall-ġid tal-merħla tiegħu. Franġisku joħloq xenarju kważi drammatiku biex jiddeskrivi l-mogħdija sofferenti li l-qaddisin għaddew minnha. Dan jagħmlu b'mod effettiv ħafna permezz ta' koppji ta' kliem magħżula biex bħal donnu jkeċċu minn moħħna kull dell ta' dubju li dawn "in-nagħaġ tal-Mulej" ma kinux qed jiċċajtaw meta għażlu li jimxu wara r-Ragħaj tagħhom kull fejn imur: "fit-taħbit u l-persekuzzjoni, fil-mistħija u l-ġuħ, fil-mard u fit-tiġrib, u f'kull prova oħra."

## IT-TIELET XENA: AĦNA

Iċ-ċirasa fuq il-kejk hija l-applikazzjoni prattika li Franġisku jiġbed fit-tielet u l-aħħar sentenza tat-*Twissija* li qed nirriflettu dwarha. Din l-applikazzjoni tieħu forma ta' kritika doppja. (i) Franġisku, l-ewwel, joħloq kuntrast bejn "il-qaddisin li għamlu l-għemejjel tajba" u "aħna" li nikkuntentaw ruħna billi sempliċiment "noqogħdu nsemmu dak li għamlu huma"; huma aġixxew konkretament, waqt li aħna npaċpċu biss; kuntrast, allura, bejn l-għemil u l-paroli. Din l-ammonizzjoni ta' Franġisku tixbah ħafna l-verdett ta' Ġesù dwar il-Fariżej: "... għax huma kliem biss għandhom, imma fatti xejn." (Mt 23:4) Xi mkien ieħor Ġesù tenna għal kulħadd: "Mhux kull min jgħidli: 'Mulej, Mulej', jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet, iżda min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet." (Mt 7:21) (ii) It-tieni kritika, iktar fina u sottili, hija li aħna, għall-kliem sabiħ li ngħidu dwar il-ħajja virtuża tal-qaddisin nistennew il-qligħ, "irridu nieħdu l-glorja u l-ġieħ."

Sinċerament, it-tmiem ta' din it-*Twissija* jdaħħalni f'qoxorti. Iktar u iktar meta niftakar li f'din it-*Twissija* Franġisku kien qed jindirizza primarjament lill-patrijiet! Fakkritni ħafna fi kliem San Girgor il-kbir: "Għall-predikatur hemm liġi li torbtu biex juri bl-għemil kulma jxandar bil-kliem." Jalla dan il-kliem ma jibqax biss kliem imma jsir laħam fil-ħajja ta' kull xandar tal-Kelma ta' Alla!



STORJA U ARTI Patri Baskal Magro, OFMConv

# KWADRU KAPUĊĊIN FIL-MUŻEW WIGNACOURT,

## L-Immakulata, San Mikiel u San Franġisk

Dan l-aħħar il-kuratur tal-Mużew Wignacourt (ir-Rabat, Malta) urieni kwadru li jinżamm fil-maħżen u talabni nixħet dawl fuqu. Dan li ġej huwa dak li sa issa nista' ngħid fuqu.

### 1. IS-SUĠĠETT TAL-KWADRU

**1.1. L-IMMAKULATA.** Min ried li jsir dan il-kwadru, kien min kien: persuna jew komunità, kellu f'rasu l-ewwel nett ix-xbieha ta' Marija Immakulata. Din hija ispirata mit-test bibliku klassiku ta' *Apokalissi 12,4.* Isebbaħ ras Marija bilwieqfa nsibu l-istellarju bi tnax-il kewkba, pedistall għal riġlejha d-dinja bil-qamar felli maqlub 'l isfel u bis-serp, simbolu tad-dnub oriġinali. Hames puttini jissieħbu 'l Marija fuq u qalb is-sħab. Fuq Marija hemm il-ħamiema, simbolu tal-Ispirtu s-Santu. Għal dan, l-awtur seta' tnebbaħ mit-titular antik ta' Bormla, illum fis-sagristija tal-Kolleġġjata. Il-preżenza tal-Ispirtu s-Santu hija tipika tal-ikonografija immakolatista għall-inqas fi Sqallija u Malta, fi żmien it-tpinġija tat-tila tagħna. Il-pittur Caruana, fl-1828, ma naqasx ipinġi dan is-simbolu anke fit-titular tal-Immakulata li llum naraw inkurunat fil-parroċċa/santwarju ta' Bormla.



Inżid ngħid li jekk il-qari tiegħi tax-xbieha Marjana huwa milqut, Marija hija murija bħala "bambina" u mhux bħala persuna adulta. Billi – kif ngħidu iżjed 'il quddiem – it-tila ġejja ċertament mill-Kottonera, mhux impossibbli li l-kummittenti u l-pittur ġew imnebbħa mill-misteru tat-Twelid tá Marija ... Kellhom forsi l-intenzjoni irenika li jressqu lejn xulxin il-popli pikużi ħafna tal-Kunċizzjoni ta' Bormla u tal-Bambina tal-Isla?!

**1.2. SAN FRANĠISK T'ASSISI.** Isfel, fuq il-lemin tal-kwadru, insibu 'l San Franġisk fil-ġest klassiku tal-għoti tal-pjagi. Il-fatt li liebes lewn kannella ta' Kapuċċin huwa importanti ħafna għax jagħtina l-ewwel ħjiel preċiż fuq l-ambjent reliġjuż li fih u għalih il-kwadru ġie magħmul. U dan kemm jekk ngħidu li l-pittur seta' kien hu stess patri Kapuċċin kemm jekk il-pittur lajk ġej minn żona pastorali ta' kultura ta' fidi ta' stil Franġiskan-Kapuċċin.

Il-preżenza ta' San Franġisk fi xbieha tal-Immakulata tista' tfisser u tfakkar il-kontribut eċċezzjonali li l-Ordni Franġiskan ta għall-affermazzjoni u l-proklamazzjoni tad-dogma tal-Immakulata

li seħħ biss fl-1854 mill-beatu Piju IX - hu stess terzjarju Franġiskan. Sal-lum stess hemm storiċi tad-dogma tal-Immakulata li jsostnu li San Franġisk diġà għallem it-tnissil bla tebgħa ta' Marija fit-"Tislima lil Marija". Ċertament huwa kien minn tal-ewwel li sejjaħ 'il Marija "Għarusa tal-Ispirtu s-Santu", dak li proprju donnu jrid ifakkar il-kwadru tagħna meta naraw l-Ispirtu s-Santu jittajjar fuq Marija.

**1.3. SAN MIKIEL.** Fin-naħa t'isfel fuq ix-xellug ta' min iħares insibu 'l San Mikiel Arkanġlu, għarkopptejh. Bħal u ma' Marija fl-istess kwadru, huwa qiegħed jisħaq ras ix-xitan: is-serp tal-Ġenesi kiber fid-dragun tal-Apokalissi. Kif nispjegaw il-preżenza ta' San Mikiel? Ċertament San Mikiel huwa qaddis mill-iżjed popolari fid-dinja Kattolika kollha, kif juru mhux biss l-artali ddedikati lilu fil-knejjes, iżda anke l-ħafna niċeċ fil-kantunieri tat-toroq.

Fil-każ tagħna, l-abbinament ta' San Mikiel ma' San Franġisk t'Assisi jikxef diġà raġuni għall-preżenza tiegħu fil-kwadru. San Mikiel huwa preżenti ħafna fid-devozzjoni u l-ispiritwalità tal-qaddis stess, imbagħad tal-Ordni Franġiskan kollu. Il-qaddis irċieva d-don tal-pjagi waqt Randan li kien qiegħed jagħmel biex jasal għall-festa ta' San Mikiel (29 ta' Settembru). Fil-ħajja tiegħu huwa mfakkar pellegrinaġġ li kien għamel għas-Santwarju famuż ta' Monte San'Angelo fil-Puglia.

Ftit ilu mort inżur il-Knisja tal-Kapuċċini tal-Kalkara. Il-gwardjan P. Hayden Williams daħħalni nara l-kjostru meraviljuż tal-Kunvent u wrieni statwa ta' San Mikiel tal-ġebel ta' Malta, li mikula kif inhi bit-temp, tixhed li għal żmien twil ħafna kienet barra fil-miftuħ. Ritratt ftit qadim tal-kunvent jixhed li kienet qiegħda żżejjen il-quċċata tal-iskola serafika fuq ix-xellug tal-knisja. Kif diġà għedna, fil-kwadru tagħna, il-pittur poġġieha proprju fuq ix-xellug. U dan kollu għalina huwa tassell ieħor biex nidentifikaw b'iżjed ċertezza l-post tal-provenjenza tal-kwadru: il-Kalkara!

## 2. IX-XENARJU MILL-VERU TAL-KWADRU

It-tliet protagonisti tal-kwadru – l-Immakulata, San Franġisk u San Mikiel – qegħdin fuq sfond li – skont l-aħjar tradizzjoni Rinaxximentali u Barokka tal-arti sagra tal-Punent minn Cimabue u Giotto sal-lum - mill-ewwel daqqa ta' għajn itik x'tifhem li hu mnebbaħ minn xenarju naturali veru. Il-paesaġġ fil-kwadru huwa ddominat minn knisja, imżejna fuq il-lemin b'siġar taċ-ċipress u b'Salib monumentali fil-misraħ tagħha. Għal min għandu l-iċken idea u tagħrif tal-arkitettura sagra f'Malta, dil-knisja ġġib is-sura ta' waħda Kapuċċina. Fiż-żmien li nobsru li sar il-kwadru, l-Ordni Kapuċċin kellu Malta tliet knejjes: il-Furjana, Għawdex u l-Kalkara. Bla ebda dubju ta' xejn, il-knisja fil-kwadru hija dik tal-Kalkara. Il-faċċata tidher bil-portiku attwali li ġie mibni fl-1754 u li ma kienx jeżisti fil-faċċata oriġinali mibnija fuq id-disinn tal-arkitett u pittur Kapuċċin Fra Ġużepp mill-Isla (1736). Fin-nofs ta' fuq tal-portiku, fil-ġnub tat-tieqa nofsana, hemm żewġ niċeċ bl-istatwi tal-qaddisin titulari Barbara u Liberata. La l-faċċata tal-knisja tal-Furjana kif kienet qabel ma twaqqet fit-tieni gwerra dinjija u lanqas dik ta' Għawdex, ma jaqblu ma' dik dokumentata fil-kwadru tagħna.

Is-salib monumentali li jidher fil-misraħ tal-knisja fil-kwadru, kien inqala' drammatikament fi żmien il-Franċiżi u ttieħed iż-Żejtun fejn għadna narawh – mhux iżjed sħiħ u fis-sbuħija oriġinali tiegħu – fil-pjazza tal-parroċċa. Hekk kien iddeskrivieh Peter Pavels, ministru Luteran li żar il-post tagħna fl-1797: "Salib tal-injam kbir, bl-istrumenti kollha tat tislib: is sellum, il lanza, l-isponża, l-imsiemer, dak kollu li wieħed jista' jaħseb li kien hemm fuq il-Golgota. Taħt is-salib kien hemm miktub: "VIDE ET PERPENDE TORMENTA MEA".

Il-portiku tal-knisja li d-data tiegħu hija l-1754 u t-tneħħija tas-Salib fl-1800, jippermettulna nghidu li t-tila taghna rat id-dawl bejn il-1754 (post quem) u l-1800 (ante quem).

## 3. HERBA FIL-KUNVENT TAL-KALKARA

Wieħed jistaqsi kif il-kwadru wasal fil-maħżen tal-fratellanzi fil-parroċċa ta' San Pawl minn fejn imbagħad għadda għal Mużew Wignacourt tal-Kolleġġjata?!

Il-qies mhux kbir tal-kwadru jixhed li dan kien iżjed oġġett ornamentali u devozzjonali ta' dar reliġjuża milli ta' knisja (ukoll jekk ma neskludux għalkollox li seta' kien fil-knisja ...). Ordnah min kien ordnah, u muri fejn kien muri, kunvent u knisja tal-Kalkara għaddew minn ħerba u qerda kbira fi żmien il-Franċiżi (1798-1800) u fit-Tieni Gwerra Dinjija (1940-1945).

Fi żmien il-Franċiżi, il-kunvent tal-Kalkara ġie mitluq meta l-komunità kellha tinġabar kollha fil-kunvent tal-Furjana, kif ried Napuljun b'liġi tal-1798. Kien f'dan iż-żmien li l-kunvent "l-Ingliżi biddluh fi trunċiera kontra l-għadu tagħhom il-Franċiżi biex jiddefendu ruħhom. Il-Franċiżi min-naħa tagħhom, biex jiddefendu ruħhom kienu jisparaw il-balal kontra l-kunvent trunċiera." (G.Garcia) Imsakkrin fil-kunvent mill-Ingliżi, il-Franċiżi ħarqu l-injam kollu li sabu fil-kunvent u fil-knisja biex jagħmluh ħatab għat-tisjir u biex jissaħħnu mill-bard, huma u l-bhejjem tagħhom. Il-gwarniċ attwali tat-tila tagħna mhuwiex dak oriġinali u biex jadattawha għalih kellhom iżidulha biċċa n-naħa ta' fuq. Nissopponu li l-gwarniċ oriġinali nħaraq f'din l-okkażjoni mill-Franċiżi.

L-istorja tal-wasla tal-kwadru Marjan-Franġiskan tagħna fir-Rabat għad trid tinkiteb.

## 4. VALUR DOKUMENTARJU TAL-KWADRU

Sa issa mhux possibbli għalija nagħti isem lill-pittur li ħadem il-kwadru tagħna, li ma għandux valur artistiku għoli. Fl-istorja tiegħu tal-Knisja u Kunvent tal-Kalkara (2003), Patri Joseph Garcia jagħmel diversi ismijiet ta' artisti, anke patrijiet stess, li ħadmu fil-post u għall-post. Ma nażżardax nattribwixxi l-kwadru tagħna lil xi wieħed minnhom. Bit-tindif u r-restawr tiegħu li għadu kif sar, wieħed issa jista'jaqrah aħjar. L-istil huwa fuq il-popolari, ta' jdejn (x'aktarx) ta' dilettant li jfakkrek fil-biċċa l-kbira tal-kwadri żgħar u kbar *Ex Voto* li naraw fis-santwarji tagħna. Il-qies tat-tila huwa ċm. 90x60.
Dan ma jfissirx li l-opra tagħna ma għandha l-ebda valur. Apparti mill-valur estetiku, illum nafu kemm kwadri bħal dan tagħna huma mfittxija bħala tasselli prezzjużi biex jintiseġ il-mużajk tal-istorja tad-devozzjoni popolari ta' gruppi reliġjużi u ta' popli li għalihom inħalqu u ħadu l-ħajja, bi skop ta' qima u devozzjoni jew anke b'tifkira ta' xi ġrajja importanti tagħhom u għalihom, ġrajja li l-kummittenti għexu għad-dawl tal-Qaddisin protetturi tagħhom.


RADJU MARIJA

Segwi l-esperjenzi u l-avventuri ta' ħutna l-Maltin u l-Għawdxin fl-artijiet tal-missjoni, esperjenzi li jħalluk bla nifs u bla kliem iżda li jimlewk b'ammirazzjoni għall-kuragg ta' dawn l-eroj tas-skiet! Kun af bil-proġetti ta' fejda li huma qed iwettqu għall-miljuni ta' nies fil-bżonn imxerrda fl-erba' naħat tad-dinja.

Issir taf dan kollu u ħafna aktar fil-programm VUĊI MISSJUNARJA li jixxandar kull nhar ta' Ġimgħa fid-9.00pm fuq Radju Marija (102.3FM għal Malta u 107.8FM għal Għawdex) b'ripetizzjoni kull nhar ta' Tlieta fis-6.00am, bi produzzjoni u preżentazzjoni ta' Dr Frank Cassar u Helena Sammut.





POEŻIJA Filippu Chircop

# L-Ilsien



Fost id-doni li tak, Alla,
Tak l-ilsien, rigal sabiħ;
Għalkemm, forsi flok biex tfaħħru,
Int tużah biex toffendih.

L-ilsien f'ġismek, membru siewi;
Edukat, igawdi stima,
Dan hu don li għandu l-bniedem,
Ma ssibux għand l-ebda bhima.

L-ilsien q'għed indukrat sewwa;
Par xofftejn, żewġ saffi snien:
Sabiex qabel leħnu jsemma';
Jaħseb sewwa, jkollu ż-żmien.

Tħallih qatt jgħid li jfettillu,
Qabel jgħid, qis sew, u ara:
Għax jekk huwa jgħid xi ħaġa,
Żgur, se jagħmel ġid jew ħsara.

L-ilsien jaf idewwi l-ġrieħi,
Jaf inessi bosta mrar;
Jaf iferraħ, jaf inikket
Bosta qlub, tal-kbar, taż-żgħar.

Bih tinqeda ssejjaħ 'l ommok,
Tirraġuna bih mal-ħbieb;
Bih tinqeda 'kk tgħid il-veru,
Bih ukoll jekk tkun giddieb.

Jekk prudenti, barka t'Alla,
Kelma f'waqtha, mitqlu deheb,
Għax tissewwa l-ħsara kollha;
L-inkwiet kollu, bil-mod jgħib.

Meta int tkun taħt il-korla,
Tħallih qatt, le, jiġri bik;
Għax jekk jibda, bil-mod jieqaf;
Jew iżżommlu, jew jgħallik.

Jaf inissel ġlied fost l-aħwa;
Jaf iħarbat nazzjon sħiħ,
Jekk m'intix kapaċi trażżnu,
Igdem nofsu u armih.

Kemm hu sew min iħobb jisma',
Juża lsienu, xejn, jew ftit:
Għax jekk dan idum jitkellem,
Żgur jiżbalja, 'kk mhux wisq, ftit.

Iva, l-bniedem jaf irażżan
Annimali kienu x'kienu:
Imma diffiċli jirnexxilu
Illi jrażżan ftit ilsienu.



 Max Farrugia



# Kappella ta' Ċeppuna fil-Marsa



L-Ordni tal-Franġiskan Minuri Kapuċċini jew kif nafuhom aħjar il-Patrijiet Kapuċċini jinsab f'seba' bliet u rħula differenti f'Malta u Għawdex, fejn għandhom il-kunventi tagħhom. Minbarra xogħol pastorali f'dawn il-postijiet huma magħrufa ħafna għal dak li jagħmlu fl-isptarijiet, ħabsijiet, iċ-ċimiterju u istituzzjonijiet simili oħra.

Wieħed mill-villaġġi li joperaw minnu l-patrijiet Kapuċċini u li nistgħu ngħidu li x-xogħol kollu pastorali u spiritwali huwa f'idejhom huwa bla dubju ta' xejn il-Marsa. Għandhom ir-responsabbiltà miż-żewġ Parroċċi li hemm f'dan ir-raħal, jiġifieri din tat-Trinità Mqaddsa u l-oħra ta' Marija Reġina. Nafu wkoll li fil-Marsa minbarra l-knejjes parrokkjali nsibu tliet kappelli, waħda viċin ħafna tal-Power Station fl-inħawi magħrufa bħala Ta' Ċejlu u oħra fl-inħawi ta' Albert Town iddedikata lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, u oħra li se nitkellmu dwarha llum tinsab fuq pjanura fejn jiġi prattikat xi sports lokali fosthom, il-golf.

Din il-kappella, dedikata lit-Tlugħ ta' Marija Santissima fis-sema u li tinsab 'il barra mir-raħal tal-Marsa f'nofs il-kampanja hija magħrufa l-aktar bħala Ta' Ċeppuna. Bħalma ġara f'postijiet oħra dan l-isem ingħata minn kif hija magħrufa din l-akwata. Din il-medda ta' art li f'nofsha nsibu din il-kappella sa mis-seklu 14 kienet f'idejn diversi individwi, li kienet tinkera, jew tingħata b'ċens. Ir-Re Alfonso ta' Spanja, meta Malta kienet taqa' taħt ir-renju tiegħu kien għadda din l-art lill-Familja Nava, li żammew it-titlu tagħha sakemm dan għadda f'idejn il-Gran Mastru Jean de La Cassiere. Tajjeb ngħid li Giovanni Nava kien ukoll responsabbli mill-Kastell ta' Sant'Anġlu fil-Birgu. Mal-għoti ta' din l-art ir-Re Alfonso kien ħatar ukoll lil Giovanni Nava bħala l-Baruni tal-Marsa. Kien propju wara l-inkwiet li għaddiet minnu l-Familja Nava matul is-seklu ħmistax u l-bidu tas-seklu sittax, tant li kellhom iħallu Malta, li dan it-titlu għadda għand il-Gran Mastru La Cassiere.

Għalkemm ma nafux eżatt meta nbniet din il-kappella mid-diversi rapporti u kitbiet antiki li jeżistu juru li diġà kienet teżisti lejn l-aħħar tas-seklu ħmistax. L-istoriku Achille Ferris jgħid dan fil-ktieb tiegħu. Jista' jkun li Ferris kien ħa din l-informazzjoni minn kitbiet oħra li kienu diġà jeżistu. Jekk allura din l-informazzjoni hija korretta l-kappella nbniet mill-Familja Nava meta kienu hawn Malta.

Nafu li din il-pjanura fil-Marsa qatt ma kienet art agrikola u l-baħar kien jidħol ferm u ferm aktar milli jidħol lejn l-art illum il-ġuranta. Allura nassumu li din il-kappella kienet inbniet sabiex il-ħaddiema li kellha din il-familja, kif ukoll aktar tard il-Gran Mastru jkollhom post fejn ikunu jistgħu jaqdu d-doveri reliġjużi tagħhom. Il-biċċa l-kbira tal-ħaddiema kienu dawk li kienu jieħdu ħsieb il-bżonnijiet tal-kaċċa tal-Familja Nava u l-Gran Mastru. Minbarra dawn il-ħaddiema kienu jużawha wkoll is-sidien tagħha waqt il-perjodu tal-kaċċa. Nafu li l-Marsa kienet post tajjeb ħafna għal dan id-delizzju fl-antik minħabba l-ilmijiet li kienu jinżammu fiha.

Dwar l-istorja ta' din il-kappella ftit li xejn nafu minħabba l-fatt li fil-visti pastorali li saru għalkemm żaruwha kemm Mgr Duzina kif ukoll isqfijiet oħra bħal Balaguer, De Bussan u Mollina ftit li xejn ħallew inforamzzjoni dwarha.

Matul it-Tieni Gwerra Mondjali l-akwata kollha ta' fejn illum hemm il-Marsa Sports Club u l-madwar kienu f'idejn il-militar Ingliż. Il-kappella f'dan il-

perjodu kienet isservi għall-bżonnijiet spiritwali tan-nies tas-Servizzi sakemm kienet intlaqtet waqt attakk fl-1941 u ma setgħatx tibqa' tintuża. Rapport tal-*war damage* maħruġ mill-Gvern Ingliż bl-isem "*Works of Art in Malta Losses and Survivals in the war*" meta jitkellem dwar ir-raħal tal-Marsa jgħid li l-parroċċa tal-Marsa li kienet tinsab f'ħalq il-Port il-Kbir soffriet ħafna mill-attakki tal-għadu. Ikompli li l-unika monument antik li sofra ħafna ħsara kienet il-kappella tat-tlugħ is-sema ta' Marija li hemm fl-akwata tal-Marsa Club. Jgħid ukoll li din il-kappella għandha konnessjonijiet mal-ewwel Gran Mastru ta' Malta De L'Isle Adam għaliex, meta miet il-katavru tiegħu fi triqtu mill-Imdina għall-Birgu, kien inżamm għal ftit ħin ġo din il-kappella qabel ma kompla l-vjaġġ bil-baħar. Il-Gran Mastru l'Isle Adam miet fit-23 ta' Awwissu tal-1534 fil-Kunvent tal-Patrijiet ta' Ġieżu fir-Rabat. Il-kappella ġiet restawrata u l-ħsara ssewwiet minnufih wara l-gwerra tant li l-awtur ta' dan ir-rapport li nkiteb fl-1946 jgħid li l-ħsara ssewwiet mill-ewwel wara l-gwerra.

Tajjeb ngħid li din il-kappella mhux xi waħda kbira, anzi meta wieħed iqabbilha ma' oħrajn tal-istess perjodu hija ftit li xejn żgħira. Din tkompli tikkonferma li kienet użata biss minn ftit nies li kienu jieħdu ħsieb il-fewdu ta' dawn l-inħawi li kellha l-Familja Nava u aktar tard il-Gran Mastru La Cassiere. Għandha forma pjuttost rettangulari. Is-saqaf huwa mibni fuq daħla li fiha hemm altar tal-ġebel tal-franka u tarġa waħda biss, u tliet arkati li ġejjin għal pont li fuqhom poġġuti x-xorok. L-arkata li hemm quddiem id-daħla tal-altar hija fit-tond. Jidher li din il-kappella minbarra l-bieb prinċipali kellha bieb ieħor fuq in-naħa tal-lemin meta tħares lejha minn quddiem. Il-ġnub tal-kappella fejn hemm id-daħla tal-altar, fuq in-naħa ta' barra huma infurzati bil-ġebel. Din il-kappella ma għandhiex kampnar u lanqas qniepen, kulma hemm huwa salib fuq il-bieb prinċipali. Hemm ukoll bħal parapett żgħir li ma nafux jekk dan ġiex miżjud meta sar ir-restawr tagħha mill-Gvern tmien snin ilu. L-art tal-kappella hija magħmula miċ-ċangatura tal-ġebel tal-franka.

X'sar mit-titular oriġinali ħadd ma jaf, lanqas l-istess rettur li jieħu ħsieb din il-kappella, il-possibbiltà hija li seta' nqered bil-gwerra jew inkella nsteraq meta l-kappella għamlet xi żmien abbandunata. Li nafu żgur minn dak li hemm illum u li x'aktarx huwa kopja tal-oriġinal, li f'dan it-titular hemm il-Madonna qed tiġi mtellgħa s-sema mdawra bl-anġli. Hemm ukoll San Pawl, San Ġwann il-Battista u San Nikola.

Wara xi snin ta' abbandun totali, u anki atti vandali, il-Ministru tar-Riżorsi u l-Infrastruttura, l-Onor. Ninu Zammit, fuq talba speċifika mill-Patrijiet Kapuċċini, mod speċjali bl-interess li kien ħa Patri Manuel Abela li kien il-Kappillan tal-Parroċċa tat-Trinità, ta l-approvazzjoni tiegħu għar-restawr ta' din il-kappella u x-xogħol beda f'Mejju tal-2006. Ix-xogħol kien ħa madwar tliet xhur sabiex tlesta u fit-28 ta' Diċembru tal-istess sena l-kappella ġiet imbierka mill-istess kappillan ta' din il-parroċċa. Ix-xogħol li kien sar kien wieħed estensiv. Is-saqaf li kien joqtor ingħata kisja qatran apposta, inbidlet iċ-ċangatura kollha li kienet fi stat ħażin ħafna, tkabbar iz-zuntier, u twaqqgħat struttura li kien hemm fil-ġenb. Il-kappella sarilha bieb u aperturi ġodda. Peress li l-Ministeru dak iż-żmien kien jgħin billi jsir ix-xogħol kollu neċessarju b'xejn, kien hemm ditti u bank lokali li jgħinu finanzjarjament sabiex dan ir-rewstawr seta' sar.

Għalkemm din il-kappella ma tinfetaħx kuljum ikun hemm quddies fiha ta' spiss. Ir-rettur tagħha jieħu ħsieb li jsiru diversi funzjonijiet matul is-sena wkoll. Isiru wkoll quddies fiha fuq talbiet speċifiċi minn individwi. Fil-biċċa l-kbira tal-attivitajiet reliġjuzi li jsiru jieħdu ħsiebhom il-Patrijiet Kapuċċini flimkien mal-kuratur ta' din il-kappella.





# PIJU X
## Il-Papa bir-Rieda ta' Alla

Fl-20 ta' Lulju 1903 miet Papa Ljun XIII. Il-konklav għall-elezzjoni tal-Papa l-ġdid tħalla għall-31 ta' Lulju.

### IL-PATRIJARKA SARTO

Meta Giuseppe Sarto, il-Patrijarka ta' Venezja, ġie biex jirkeb il-ferrovija ħalli jmur Ruma għall-konklav, il-Venezjani laqgħuh bi ħġarhom fl-istazzjon u tawh merħba kbira. Bid-dmugħ f'għajnejhom, qalulu, 'Eminenza, min jaf jekk terġax tiġi lura!'

Biex iserrħilhom rashom, għax kien żgur li hu ma kienx papabbli, weġibhom bi tbissima, 'Ħaj jew mejjet nerġa' lura!'

Il-Patrijarka Sarto kien tal-fehma li l-kardinali papabbli kienu dawk li jaħdmu fil-Kurja Rumana. Il-Kardinal Franċiż ta' Bordeaux, Victor-Lucien Lécot, kien qallu li, la hu ma kienx jaf bil-Franċiż, kellu jaqta' jiesu li jkun elett papa.



'Ma għandi l-ebda xewqa u l-ebda tama li nsir Papa, *Deo Gratias*!' wieġbu l-Kardinal Sarto, ferħan se jtir li, għall-inqas, kien hemm bniedem ieħor li, bħalu, kien jemmen li hu ma kellux il-kwalifiki biex isir papa!

### INDĦIL TAL-POTER SEKULARI

Sal-bidu tas-seklu għoxrin, xi slaten u gvernijiet Kattoliċi Ewropej kienu għadhom jallegaw li huma kellhom id-dritt tal-*veto* biex joġġezzjonaw għall-għażla ta' xi kardinal, li huma ma kinux japprovaw, biex ikun elett papa. Dan minkejja li Piju IX kien diġà pprojbixxa kull indħil tal-poter sekulari fl-għażla tal-papa. Il-*veto* rari ntuża u qatt ma ġie approvat mill-Knisja. Madankollu, fil-konklav li eleġġa 'l Piju X sar attentat biex jintuża l-*veto*.

Meta ngħaddu l-voti tal-ewwel votazzjoni, minn total ta' 62 vot, Sarto kellu 5 voti filwaqt li l-Kardinal Mariano Rampolla, is-Segretarju tal-Istat tal-Vatikan fil-Pontifikat ta' Ljun XIII, bejn l-1887 u l-1903, kellu 24.

Sarto dar fuq il-kardinal ta' ħdejh u, b'laqta ċajtiera u b'fomm imbissem, qallu, 'Ġmielhom, il-kardinali, jixxalaw minn fuqi!'

Fit-tielet għadd, meta l-voti għall-Kardinal Rampolla telgħu għal 29, il-Kardinal Jan Puszyna, l-Arċisqof ta' Krakovja, li kien aċċetta l-mandat tal-gvern Awstrijak f'isem l-Imperatur Franz Josef, qara dikjarazzjoni li kienet teskludi lil Rampolla mingħajr ma ngħatat l-ebda raġuni għall-esklużjoni tiegħu. Puszyna bata ħafna biex qara d-dikjarazzjoni.

Il-kardinali pprotestaw bl-ikrah kontra l-indħil tal-poter sekulari u, fil-votazzjoni ta' filgħaxija, il-voti favur il-Kardinal Rampolla żdiedu b'wieħed. Iżda l-voti għall-Kardinal Sarto kienu qegħdin jiżdiedu b'ħeffa u baqgħu jiżdiedu sa ma laħqu l-24.

Il-laqta ċajtiera u t-tbissima fuq fomm il-Kardinal Sarto kienu għebu għalkollox. Kulhadd seta' jara d-diqa li kellu f'qalbu. B'leħen imriegħed, bid-dmugħ f'għajnejh, u b'ħerqa kbira, Sarto talab lill-kardinali biex lilu jwarrbuh.

'Jiena ma jixraqlix. Jiena ma għandix il-kwalifiki meħtieġa,' saħaq. 'Lili insuni!'

Iżda, minkejja l-appelli tiegħu, il-Kardinal Rampolla baqa' jnaqqas fil-voti u l-Kardinal Sarto baqa' jżidhom.

## JIBDEL FEHEMTU

Fuq talba tal-President tal-konklav, il-Kardinal Dekan Oreglia di Santo Stefano, is-Segretarju, il-Monsinjur Rafael Merry del Val, żar lill-Kardinal Sarto fil-Kappella Paolina fejn kien qiegħed jitlob waħdu għarkupptejh quddiem Ġesù Sagramentat.

Huwa wassallu l-messaġġ tal-Kardinal Dekan li ried jaf mingħandu jekk kienx se jibqa' jgħid le għax-xewqa tal-kardinali. Il-Monsinjur Merry del Val għarrfu wkoll li jekk hu kien se jibqa' jgħid le, il-Kardinal Dekan kien se jitlob lill-kardinali biex ifittxu kandidat ieħor.

Kardinal Sarto rringrazzja lill-Monsinjur Merry del Val u talbu jgħid lill-Kardinal Dekan biex jagħmillu dak il-favur u jbiegħed minnu s-salib. Bi mħabba, u biex ikun qallu xi ħaġa, il-Monsinjur Merry del Val ħeġġeġ lill-Kardinal Sarto biex jagħmel il-kuraġġ għax Alla kien jgħinu żgur.

Fit-tielet ġurnata, il-voti għall-Kardinal Sarto baqgħu jiżdiedu. Dakinhar, kien jidher biċ-ċar li Sarto kien bidel fehemtu! Sa filgħodu tar-raba' ġurnata, 50 mit-62 vot kienu favuru, 8 aktar mit-42 meħtieġa għal elezzjoni valida. Fl-4 ta' Awwissu 1903, fis-seba' votazzjoni, il-Patrijarka Giuseppe Sarto, ta' 68 sena, ġie elett Papa b'55 vot. Hu ħa l-isem Piju X.

## PAPA BIR-RIEDA TA' ALLA

Dwar il-*veto*, il-Kardinal Merry del Val, fil-memorji tiegħu dwar Piju X, li ppubblika fl-1939, kiteb li, għalkemm Kardinal Rampolla kellu vot qawwi fl-ewwel votazzjoni, il-kardinali kienu diġà qegħdin ifittxu kandidat ieħor. Il-*veto* seta' bidlilhom fehmithom milli jtellgħu lil Rampolla iżda Kardinal Sarto impressjonahom bl-umiltà, bis-sinċerità u bil-qdusija tiegħu. Deher biċ-ċar li l-ħatra tiegħu seħħet bir-rieda ta' Alla!



Piju X kellu Pontifikat ta' 11-il sena u miet ta' 79 sena fl-20 ta' Awwissu 1914.

Lill-Venezjani, il-Patrijarka kien wegħedhom li ħaj jew mejjet jerġa' lura. Ħaj ma reġax lura iżda mejjet reġa'. Papa San Giovanni XXIII, f'April 1959, bagħat f'Venezja, għal xahar, l-urna bil-ġisem mejjet tiegħu.

**Il-parroċċa ta' Santa Luċija hi ddedikata lil San Piju X u qiegħda tiċċelebra l-100 sena minn mewtu u s-60 sena mill-kanonizzazzjoni tiegħu.**



 Fr Silvestru Bonavia OFMCap



# Lejn is-Sinodu tal-Familja ma' Papa Franġisku

Għadha kif ċemplet il-qanpiena tad-dar. John qal lil martu Marija tmur tiftaħ għax hu kien qed ilesti l-ikla u ma setax jitlaq minn idejh. It-tfal: Joseph, Edith u Rachel ilkoll ansjużi. Marija ġiet lura tiġri: "Hawn ittra għalina mingħand il-Papa." "U mur, qalilha John, mela qed toħlom! Moħħna għandu l-Papa!" ***Imma hekk kien. Għax nhar it-2 ta' Frar li għadda, Papa Franġisku kiteb ittra "personali" lil kull familja. Fiha jkellimhom b'qalbu f'idu:***

"Għeżież familji,
Qed nippreżenta ruħi fuq l-għatba tad-dar tagħkom biex inkellimkom fuq ġrajja li, kif naħseb tafu, sa sseħħ f'Ottubru li ġej fil-Vatikan. Qed nitkellem dwar l-Assemblea Ġenerali Straordinarja tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet, imsejħa biex tiddiskuti "L-isfidi pastorali dwar il-familja fil-kuntest ta' l-evanġelizzazzjoni."

Barra s-sehem sħiħ ta' kulħadd u s-suġġerimenti li waslu fil-Vatikan, "it-talb hu meħtieġ iktar minn qatt qabel u għandu siwi qawwi, speċjalment jekk ikun ġej mingħandkom, għeżież familji. Fil-fatt, din l-Assemblea Sinodali ħa tkun iddedikata b'mod speċjali għalikom, għas-sejħa u għall-missjoni tagħkom fil-Knisja u fis-soċjetà, għall-problemi taż-żwieġ, tal-ħajja tal-familja, għall-edukazzjoni tal-ulied, u għar-rwol tal-familji fil-missjoni tal-Knisja. Għalhekk nitlobkom titolbu bil-qawwa lill-Ispirtu s-Santu, biex idawwal lill-Padri Sinodali u jmexxihom fil-ħidma impenjattiva tagħhom. Kif tafu, sena wara din l-Assemblea Straordinarja tas-Sinodu, se titlaqqa' dik Ordinarja, li sa tissokta taħdem fuq l-istess tema tal-familja. U f'dan il-kuntest, f'Settembru 2015 tinżamm il-Laqgħa Dinjija tal-Familji f'Philadelphia. Għalhekk nitolbu lkoll flimkien biex, permezz ta' dawn il-ġrajjiet, il-Knisja twettaq mixja vera ta' dixxerniment u tfittex mezzi pastorali xierqa li bihom tista' tgħin lill-familji jaffrontaw l-isfidi tal-lum bid-dawl u l-qawwa li jiġu mill-Vanġelu."





Dan is-Sinodu ser jibda nhar it-Tnejn, 5 t'Ottubru, l-għada tal-festa ta' Missierna S. Franġisk. Fih ser jieħdu sehem il-presidenti tal-Konferenzi Episkopali tal-Knisja kollha, teoloġi, reliġjużi, esperti u lajċi. Wara ħmistax-il jum ta' diskussjoni, titħejja l-aġenda preċiża għal-Laqgħa tas-Sena d-dieħla. Dik imbagħad ser tiffoka aktar, ħafna, fuq l-aspett pastorali. Il-preżenza tal-Papa li, kif ġa qal huwa stess irid jisma' ħafna, wara żgur ikollu ħafna xi jgħid f'waqtu.

L-interess u l-ħsieb tal-Knisja għall-familja mhix xi ħaġa li qed issir issa biss! L-aktar f'dawn l-aħħar mitt sena, u fuq kollox mill-Konċilju Vatikan II 'l hawn, il-Knisja, il-Papiet u l-Isqfijiet qiegħdu impenn kbir ħafna għall-kura tal-familja b'ħafna modi, skont iċ-ċirkustanzi tad-dinja madwar u skont il-ħtiġiet li kellha bżonn il-familja bħala koppja, bħala ġenituri, fit-trobbija tal-ulied u f'kull ħtieġa oħra.

Imma kif nafu, qegħdin ngħixu f'"**bidla epokali**". Żmienna ġie deskritt bħala 'bidla ta' epoka' u mhux biss 'epoka ta' bidla'. Is-soltu bidliet hekk kienu jieħdu mitt sena jew aktar: bidliet miż-żminijiet tad-Dlam għaż-Żminijiet tan-Nofs; id-dħul taż-Żmien Modern u l-bidliet kbar bir-Rivoluzzjoni Franċiża b'tant bidliet filosofiċi u teoloġiċi kbar tas-sekli 18 u 19. Lanqas il-bidliet biż-żewġ Gwerer Dinjija tas-seklu 20 ma ġabu bidla daqshekk mgħaġġla. Imma proprju mill-Konċilju Vatikan II, jiġifieri f'inqas minn 50 sena 'l hawn, seħħu u qed iseħħu bidliet kbar ħafna. U biex tgħaqqad sirna qed ngħixu f'villaġġ globali.

Mindu l-Papa Franġisku nieda dan is-Sinodu importanti, hu ma hediex jitkellem fuq il-familja fid-dawl tal-Evanġelju; imma fl-istess waqt stieden lill-Knisja kollha żżomm quddiemha dan it-tibdil kollu epokali li qegħdin ngħixu. Biex is-Sinodu jkollu kwadru kemm jista' jkun ċar tal-qagħda u dawk li ser jieħdu sehem ikollhom tagħrif aktar preċiż u konkret, il-Papa ried li jsir kwestjonarju fost kulħadd; għalkemm kien hemm ċertu kritika u anke dubbji dwar dan, ir-riżultat tiegħu, skont esperti soċjoloġiċi, anke f'Malta, kien tajjeb. Fi Frar li għadda, il-Papa bagħat ittra indirizzata lil kull familja biex tħejji ruħha tajjeb u titlob ħafna. Għax fuq kollox is-Sinodu huwa ħidma tal-Ispirtu s-Santu li jrid imexxi l-Knisja u l-membri tagħha, lilna lkoll, familji, saċerdoti, koppji, ulied, professjonisti, politiċi, u oħrajn biex ilkoll nagħtu sehemna kif irid Alla, *"f'mixja vera ta' dixxerniment biex il-Knisja tfittex mezzi pastorali xierqa li bihom tista' tgħin lill-familji jaffrontaw l-isfidi tal-lum bid-dawl u l-qawwa li jiġu mill-Evanġelju."*

Niftakru li din hija t-tielet darba li qed isir Sinodu Straordinarju bi tħejjija għas-Sinodu Ordinarju; dan kien sar fl-1969 meta kien ġie diskuss is-suġġett tal-Konferenzi Episkopali fil-Knisja u fl-1985 meta kien studjat l-effett tal-Konċilju Vatikan II wara 20 sena. Nittamaw li dawn il-laqgħat kollha flimkien mal-Papa li qiegħed bħala kliem-gwida:

- ATTENZJONI għall-familji feruti bil-problemi tal-lum;
- Li dawn iħossuhom MILQUGĦIN u l-ĦNIENA t'Alla li jridu jħossu.

Żgur li fid-dawl tad-diskorsi li għamel il-Papa matul dis-sena ta' tħejjija, it-talb mill-Knisja kollha kullimkien, u tagħna lkoll, dan is-Sinodu jkun fejda kbira ħafna għall-Knisja, għall-familji u għas-soċjetà nnifisha.





# X'għandu jiġi l-Ewwel?

Din mhix bħad-domanda, għal bosta bla tweġiba, tal-bajda jew it-tiġieġa. Id-domada li qed inpoġġi lili nnifsi u li nixtieq li min jaqra jaħseb dwarha wkoll hija fuq dak li qed jiġri fid-dinja llum, pajjiżna mhux eskluż. Meta ngħid id-dinja, mhux qed nitkellem dwar blat, ħxejjex u annimali, qed nitkellem dwarna l-bnedmin. Qed nitkellem dwar l-umanità. Qed nistaqsi dwar il-persuni. Qed nistaqsi dwari nnifsi. Għalija x'jiġi l-ewwel? Din id-domanda tressaq quddiemi ruxmata ta' sitwazzjonijiet, uħud minnhom niltaqgħu magħhom kuljum.

X'jiġi l-ewwel, ix-xogħol jew il-familja? Dejjem hemm l-argument li bla xogħol, il-familja ma tkunx tista' tgħix. Minnu! Imma allura x-xogħol jieħu post il-familja?

Għall-ġenituri, min għandu jiġi l-ewwel, il-parti l-oħra jew uliedhom?

X'jiġi l-ewwel l-ikel jew il-ħajja. Huwa minnu li bla ikel lanqas nista' ngħix, imma għandi ngħix biex niekol jew niekol biex ngħix?

X'jiġi l-ewwel, l-individwu jew is-soċjetà? Kull bniedem jeħtieġ il-ħajja soċjali. Din ġejja mill-istess natura tagħna. Imma x'għandu jkun il-prinċipju, is-suġġett u l-għan aħħari, il-persuna jew is-soċjetà?

X'jiġi l-ewwel, id-drittijiet jew dmirijiet? Illum kulħadd jaċċetta li d-drittijiet huma meħtieġa għall-iżvilupp xieraq tal-persuna umana. Imma x'jiġri meta d-dritt tiegħi jsib ruħu f'kunflitt dirett ma' obbligu li għandi lejn ħaddieħor? X'għandu jirbaħ?

Għall-politiku li mhux darba jkollu jieħu deċiżjonijiet diffiċli, x'għandu jiġi l-ewwel, il-konvinzjonijiet morali tiegħu jew il-popolarità li ġġiblu l-voti u allura toffrilu l-opportunità li jkompli jaħdem?

Fil-familja x'għandu jiġi l-ewwel, il-ħajja soċjali jew l-edukazzjoni tal-ulied? Meta missier u omm ikunu kostretti jagħżlu fejn jitfgħu r-riżorsi finanzjari limitati tagħhom jekk hux fil-ħajja soċjali jew fl-edukazzjoni ta' wliedhom, x'għandhom jagħżlu?

Għall-avukat difensur li jaf b'ċertezza li l-klijent tiegħu huwa ħati, x'għandu jiġi l-ewwel il-ġustizzja jew dmirijietu lejn l-akkużat?

Għall-professjonista li jaħdem fil-qasam tas-saħħa u li kontinwament huwa mxekkel mill-pressjoni tax-xogħol u tal-ħajja, x'għandu jiġi l-ewwel il-ħtiġijiet tiegħu jew dawk tal-pazjent?

Għal bosta persuni dawn id-domandi ma jqajmu ebda diffikultà. F'moħħhom faċli jiddeċiedu 'l hawn jew 'l hinn. Oħrajn jgħidulek li hija kwistjoni ta' bilanċ. Imma għal min fadal fih skala ta' valuri, spiss it-tweġiba mhix daqstant faċli. Ha nieħu bħala eżempju każ mibni fuq l-aħħar sitwazzjoni. Politiku li dejjem ipprova jimxi mal-konvinzjonijiet tiegħu, imma jaf li b'ċerti deċiżjonijiet li ser jieħu jitlef il-popolarità u allura l-opportunità li jkompli jaħdem għall-poplu, x'għandu jagħmel, ibaxxi rasu għat-tentazzjoni tal-popolariżmu jew jimxi mal-prinċipji li jħaddan bir-riżultat li jitqaċċat mix-xena kompletament? Xi ħadd jista' jgħid li jekk persuni ta' prinċipju jispiċċaw mix-xena politika, allura jkun il-poplu stess li jitlef mhux il-politiċi infushom. Dan huwa argument li mhux ta' min jinjorah. Imma jiena nixtieq inħares lejn is-sitwazzjoni minn dawl ieħor. Inqabbilha ma' sitwazzjoni preżentata minn John Horvat, fil-ktieb tiegħu, Return to Order.

## *CRUISE* LI JIBQA' GĦADDEJ

Immaġina li qiegħed fuq *cruise* li ma jispiċċax, il-banda qed iddoqq, it-teatri huma mimlija u r-ristoranti ffulati. F'dan il-*cruise* ssib kull tip ta' kumdità moderna, kulħadd qed jidħaq, jiċċajta u jiddeverti. Hemm kmamar tal-logħob u swali taż-żfin. Il-passiġġieri kollha jqisu dan il-*cruise* bħala dritt tagħhom u mhux vaganza qasira ta' mistrieħ. Fejn se jaslu, kemm se jdum il-*cruise* u min se jħallas l-ispejjeż, ħadd minnhom ma jaf u forsi ħadd ma jimpurtah. L-importanti hu li l-*party* jibqa' għaddej.

Imma aktar ma jdum il-*party*, aktar jikrbu l-ispejjeż u jonqsu l-finanzi. Id-dejn jibda jikber, jibdew il-kwistjonijiet bejn il-passiġġieri. Fost l-ekwipaġġ innifsu, li jkun ilu ma jitħallas żmien, jibda d-diżgwid. L-ikel jibda jonqos, imma xorta waħda ħadd ma jsib il-kuraġġ li jiffaċċja s-sitwazzjoni u jwaqqaf il-*party*.

Imbagħad l-awtur jgħid, "Dan il-vapur huwa l-Amerika." Imma jista' li dan il-mudell ma jgħoddx biss għall-Amerika? Jista' jkun li nistgħu nappikawh ukoll għal pajjiżi oħra? Nistgħu nappikawh għal pajjiżna, għas-sistemi tagħna, għall-familji tagħna, għall-mod ta' ħajja li qed ngħixu? Jista' jkun li sakemm naraw il-*party* għadu għaddej, ħadd minna ma għandu l-kuraġġ li jgħajjat, "Daqshekk!"

U allura nerġa' nistaqsi, x'għandu jiġi l-ewwel? It-tweġiba għal din id-domanda mhux dejjem naqblu dwarha. Lanqas huwa faċli li nsibu tweġiba komuni. Mhux dejjem naqblu bejnietna dwar x'għandu jiġi l-ewwel u x'għandu jiġi wara. Imma dan lili ftit jinkwetani għaliex sakemm b'sinċerità nkunu qed infittxu tweġiba għad-domanda tagħna, allura għalina jkun għad fadal ukoll it-tama. Iżda kultant wisq nibża' li sakemm il-*party* jkun għadu għaddej ftit li xejn jimpurtana li nagħmlu d-domada dwar x'għandu jiġi l-ewwel. U ngħiduha kif inhi, jekk ma jimpurtaniex nagħmlu d-domanda ara kemm jista' jimpurtana li nsibu t-tweġiba.





 Fr Martin Micallef OFMCap Min. Prov.

L-ewwel Parti

# *Tifkira ta'* Fr Paul Baron OFMCap

*1925-2012*

## TFULIJA



Wara li diġà kienu twieldu tliet ulied fiż-żwieġ bejn Francis u Anne neè Douglas, fit-22 ta' Awwissu 1925, twieled ir-raba' wild. Jumejn wara, fl-24 ta' Awwissu 1925, din it-tarbija ġiet mgħammda fil-Bażilika u Kolleġġjata tal-Isla u ngħatat l-isem ta' George. Huwa rċieva l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-Iskola Primarja tal-Isla u wara daħal il-Liceo tal-Belt u tal-Ħamrun. L-istudju tiegħu tħarbat hekk kif bdiet it-Tieni Gwerra Dinjija. B'konsegwenza t'hekk, fl-1940 George daħal bħala apprentist id-*Dockyard* u hemmhekk dam sal-1943.

Sadanittant, George kompla saħħaħ il-valuri Nsara li kien qed jirċievi mill-familja tiegħu billi daħal membru tal-MUSEUM u aktar tard tal-Azzjoni Kattolika. Dan għen biex fih tibda tinżera' l-ewwel żerriegħa fis-sejħa li għaliha l-Mulej kien qed iħejjilu t-triq għaliha. Huwa stess jgħid: "Fil-Gwerra stess kienet ġietni l-ħajra li nidħol Kapuċċin. Fiż-żmien, matul ċerti festi tas-sena, il-Kapuċċini kienu jieħdu sehem fil-purċissjoni ta' diversi parroċċi fil-Kottonera, l-Isla inkluża. Speċi nnamrajt magħhom."

## JIDĦOL KAPUĊĊIN

George ġie aċċettat biex jibda n-Novizzjat fil-kunvent tal-Kapuċċini fir-Rabat, Għawdex u fis-16 ta' Jannar 1944, George, flimkien ma' erba' żgħażagħ oħra għamel il-Vestizzjoni u ngħata l-isem ta' Fra Pawl mill-Isla. Sena wara, jiġifieri, fil-25 ta' Jannar 1945, Fra Pawl flimkien ma' sħabu l-oħra, għamel il-Wegħdiet Temporanji. Mill-kunvent ta' Għawdex, dawn il-ħames neoprofessi ġew mibgħutin fil-kunvent tal-Furjana biex jibdew l-istudji tal-Letteratura. Fit-tliet snin ta' wara lil Fra Pawl insibuh fil-kunvent tal-Kalkara għall-kors tal-Filosofija.

Fid-9 ta' Mejju 1948, fil-kunvent tal-Furjana, Fra Pawl flimkien ma' tlieta oħra minn sħabu, għamel il-Professjoni Perpetwa li tmexxiet minn Mons. Franġisku Saverju Fenech, li kien għal żjara f'Malta. Huwa mbagħad beda u temm l-istudji tat-Teoloġija li wassluh għall-Ordinazzjoni Presbiterali. Dan il-jum tant mistenni minn P. Pawl seħħ fit-3 ta' Awwissu 1952. P. Pawl ġie ordnat fil-Konkatidral ta' San Ġwann, fil-Belt Valletta, mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Mikiel Gonzi.

## MISSJUNARJU FL-INDJA

Dan is-saċerdot novell ma tantx kellu jgawdi wisq lil Malta għaliex sentejn biss wara li ġie ordnat presbiteru talab li jingħaqad ma' Kapuċċini Maltin oħra li kienu qed jaħdmu bħala missjunarji fil-Prefettura ta' Jhansi fl-Indja. P. Pawl flimkien ma' P. Raniero, sieħbu tan-novizzjat, ħallew Malta fi triqithom għall-Indja fis-6 ta' Jannar 1954 u waslu Jhansi fid-19 ta' Frar 1954. L-ewwel ħtieġa pastorali tiegħu kienet li jitgħallem il-lingwa tal-post. Wara li ġie mibgħut f'St Geroge's College, Mussoorie għal sitt xhur sabiex

jistudja l-Hindi, P. Pawl ġie assenjat mill-Isqof ta' Jhansi sabiex ikun kappillan tal-*Mission Station* f'Sipri. Huwa kellu jservi wkoll ta' kappillan tan-*Nursing Sisters* (Kongregazzjoni Ġermaniża) li kienet tmexxi *St Jude's Hospital,* f'Sipri. Hemmhekk huwa ħadem b'ħerqa u bil-bżulija kbira kemm fil-qasam tal-kura spiritwali tan-nies tal-post kif ukoll fi proġetti li kien hemm bżonn li jsiru.



### HIDMA MAL-MORDA

Fl-Indja P. Pawl dam erba' snin għaliex fl-1958 irritorna Malta. Fi żmien li dam f'Malta, P. Pawl għamel disa' xhur jissupplixxi bħala Kappillan fl-Isptar Santu Spirtu, fir-Rabat, u fit-T.B. Section, fl-Isptar *San Vincent de Paule.* Iżda Malta P. Pawl ma tantx dam wisq. Fuq talba tal-Ministru Provinċjal, fit-2 ta' Mejju 1959, P. Pawl kien fi triqtu lejn Ruma flimkien mal-ewwel tliet pazjenti nisa għall-kura tal-*cancer*. Fi żmien li għamel l-Italja, f'Como u f'Ruma, bħala kappillan P. Pawl kien jieħu ħsieb pazjenti Maltin li kienu jittellgħu f'dan il-pajjiż għall-kura medika f'diversi sptarijiet.





Huwa kien kuntent hemmhekk u l-preżenza tiegħu fost dawn il-morda kienet apprezzata ferm. Fiż-żmien li qatta' fl-Italja, P. Pawl għamel li seta' sabiex jipprova jgħolli l-moral tal-morda Maltin. Dan seħħ l-aktar b'inizjattivi li kien jieħu. Hekk, pereżempju, fil-lejl tal-Milied tal-1960, huwa ħaseb biex dawn il-morda jiġu trasferiti mill-isptar fejn kienu għal għand is-Sorijiet Franġiskani ta' *Via Iberia,* f'Ruma. Hemmhekk, huwa ċċelebra l-quddiesa ta' nofsillejl. Filgħodu, imbagħad, lil dawn l-istess morda ħadhom fil-Bażilika ta' San Pietru fejn assistew għall-quddiesa tal-Papa. Wara P. Pawl organizzalhom pranzu għand is-Sorijiet Franġiskani Maltin. Filwaqt li filgħaxija f'din l-istess dar, ġie organizzat festin fejn dawn il-morda setgħu jisimgħu *Christmas Carols* bil-Malti li kienu ġew irrekordjati għalihom permezz tar-Rediffusion. Fl-Italja, P. Pawl dam sal-1963, u ħafna minn dan iż-żmien huwa kien stazzjonat fil-fraternità tal-Kapuċċini f'*Al Verano,* f'Ruma.







Niltaqgħu ma'

# Patri Mawrizju Cassar OFMCap

## 46 Sena Ħajja Missjunarja

**1. Kemm kont ilek missjunarju fil-Kenja u kif ħassejtek imsejjaħ biex tidħol għal din il-ħidma fil-Knisja?**

Jiena minn meta kont għadni ta' età żgħira kelli mħabba kbira lejn il-Missjoni u kont naħdem flimkien mal uffiċċju Missjunarju fil Belt Valletta. Waqt l-istudentat fil-kunvent tal-Kalkara konna waqqafna kumitat biex naħdmu għall-missjoni, dak iż-żmien ta' Jhansi fl-Indja. u ddeċidejna li niktbu lil xi missjunarju u jiena ħadt l-isem ta' Patri Rajnerju Zammit. Meta konna fit-Teologia fil-Furjana. Wara li qaddist tlabt lill-Provinċjal biex immur flimkien mas-superjur Regulari Patri Rajnerju, Patri Marċellinu u Patri George Bezzina u tlaqna bil-vapur fis-16 ta' Jannar 1966 lejn il-Missjoni ġdid ta' BHOPAL fl-Indja.

Fl-1979 jiena u Fr George Bezzina ħallejna l-Indja u ġejna fil-Missjoni tal-Kenja. Wara li spiċċajna l-kors tal-lingwa Swahili jiena ġejt mitlub biex nieħu ħsieb il-Garissa Boys Town fejn kellna mal-150 tifel u tifla fqar, Somali wħud minnhom orfni ta'etajiet differenti.

Billi x-xogħol kemm pastorali u soċjail beda jiżdied ġibna s-sorijiet ta' St Joseph of Tarbs mill-Indja. Għalhekk Mons. Leo White talabni biex nibnilhom il-kunvent u ħdimt kemm flaħt biex lestejtu f'qasir żmien. Malli ġew l-erba' sorijiet inħass il-bżonn li nibnu wkoll Ċentru Pastorali u malli lestejnieh it-*Typing Class* u t-*Tailoring Class* u librerija żgħira u sala kbira għat-tagħlim tal-Katekizmu. Bdejt nieħu s-sorijiet bil-Mobile Clinic fil-Villaġġ ta' madwar Modogo u jiena bdejt ngħin in-nies bil-FOOD FOR WORK.

Sa issa il-Prefett Mons. Leo White kien qed jgħix ġo kamra żgħira fil-Boys Town u għalhekk talabni biex nieħu ħsieb il-bini tad-dar bħala l-Kurja għall-Prefettura u flimkien mal-Kuntrattur u l-ħaddiema tiegħu lestejnieha f'qasir żmien

**2. Matul dawn is-snin li għaddejt bħala Missjunarju fil-Kenja, x'kienu l-ħidmiet tal-Evanġelizzazzjoni (kemm fuq livell Pastorali kif ukoll Soċjali) li wettaqt?**

Ġo Garissa domt naħdem flimien ma' Patri Joe Grixti u l-mibki Patri Taddew Schembri u domt nieħu ħsieb il-Mission Station ta' Modogo. Bħala knisja kellna dar li biż-żmien saret żgħira. Fil-Ħdud u l-festi konna nużawha bħala knisja u matul il-ġimgħa kienet isservina bħala Nursery School għat-tfal fqar.

Dak iż-żmien il-Gvern kien fetaħ in-NATIONAL YOUTH CAMP u kien hemm ħafna żgħażagħ Kattoliċi u nħass il-bżonn li nibnu knisja kbira u din iddedikajnieha lill-Madonna ta' Lourdes. F'Garissa kont ngħin fil-Pastorali u anke kull nhar ta' Ħadd immur inqaddes l-Iskola sekondarja tal-bniet u fl-iskejjel sekondarji tas-subien. Flimkien mas-sorijiet bdejna wkoll il-MOTHER & CHILD FEEDING PROGRAM.

Wara seba' snin is-Superjur Regulari, Patri Frans Baldacchino talabni biex immur Mpeketoni ngħin lil ħuna Patri Ilarju Abela flimien mas-Superjur Patri Francis. Meta jmissni fil-Ħdud kont immur inqaddes fil-villaġġi ta' Hongwe, Muhammarani, Bomani, Uziwa, Tewe u Kihongwe fejn kellna daqsxejn ta' għarix u billi bdejna mmorru regolarment il-Kattoliċi bdew jiżdiedu flimkien magħhom bnejna knisja kbira li skont ix-xewqa tagħhom iddedikajnieha lil Santu Wistin.

Iktar ma ssetiljajna hawnhekk inħass il-bżonn li ngħinuhom u ġejt inkarigat tal-MPEKETONI FAMILY HELPER PROJECT u konna ngħinu lill-500

tifel u tifla bl-*school fees*, uniformijiet, pjanċi taż-żingu għas-soqfa, saqqijiet u *mosquito nets* għal kull familja ta' dawn it-tfal. Għenniehom ukoll billi tajniehom żerriegħa tal-qamħirrun u tal-ħxejjex u anke bl-insettiċidji.

Konna ngħinuhom biex jixtru l-mediċini u nħallsulhom mill-kontijiet tal-Isptar.

Billi sakemm morna aħna l-bdiewa kienu jaħdmu parti żgħira mill-għelieqi tagħhom bl-imgħażqa, il-kumitat ta' dan il-proġett iddeċidejna li nieħdu *loan* u xtrajna l-ewwel *TRACTOR*. Malli ħallasna d-dejn kollu erġajna xtrajna t-tieni u t-tielet *TRACTOR*. Dawn għenu lin-nies tagħna biex bdew jikkultivaw iktar l-għelieqi tagħhom u b'hekk setgħu jkollhom iktar *income* biex ilaħħqu mal-bżonnijiet ta' ħwejjeġ, ikel u anke edukazzjoni ta' wliedhom. Ħaffirnielhom iktar minn 80 bir għall-ilma tax-xorb u anke għat-tisqija. U komplejna ngħinuhom billi min ried xtrajnielu pompa għat-tisqija li bdew iħallsuhom ftit kull xahar. Konna bgħattna xi żgħażagħ għall-kors ta' mastrudaxxi u anke fil-*welding*. Dawn talbuna wkoll biex ngħinuhom jixtru petrol *generators* żgħar u anke ċana Nakita bl-elettriku.

Billi kellna katekista li marad ħafna u għalhekk ma setax jaħdem fl-għalqa, xtrajnielu *Maize Grinding Mill* biex ikun jista' jlaħħaq mal-ispejjeż tal-edukazzjoni ta' wliedu li kienu fl-iskejjel sekondarji.

Billi fil-villaġġ ta' Muhammarani f'xi għelieqi kellhom xi siġar li setgħu jintużaw għall-għamara u anke għall-bini talbuna biex ngħinuhom jixtru l-*Black and Deker Power Saw*. Jiena xtrajt l-injam kollu biex bnejt il-knisja lil San Ġuda Taddew ġo Muhammarani.

Ix-xogħol Pastorali kompla dejjem jikber u magħna ngħaqad Patri Vincent Buhagiar u hekk stajna nservu iktar lill-Kattoliċi.

Meta Patri Joseph Gauci kellu jinżel Malta għall-kura, is-Superjuri talbuni biex nieħu ħsieb bħala gwardjan tad-Dar tal-Postulandat ġewwa Umoja. F'Muhammarani kellna knisja żgħira mibnija biz-zkuk u saqaf tal-*iron corrugated sheets*. Xi sena qabel ħallejt Mpeketoni flimkien mal-Kattoliċi bnejt knisja kbira tal-ġebel u ddedikajnieha lil San Ġuda Taddew u meta beriknieha berikna ż-żwieġ ta' sitt koppji.

Wara dawn is-26 sena fil-Kenja, minħabba saħħti kelli kontra qalbi nirtira Malta.

**3. Żgur li għalkemm ma għadekx preżenti fil-Kenja imma bqajt iżżomm kuntatti u tinteressa ruħek dwar dak li qed jiġri. Xi żviluppi tara li seħħu matul dan iż-żmien li ilek li ħallejt il-Kenja, kemm fuq livell ta' Knisja u mhux inqas fuq livell kemm soċjali kif ukoll politiku?**

Jiena dejjem ħabbejt lin-nies kemm ta' Garissa u ta' Mpeketoni u huma ħabbewni wkoll u għalhekk għadni nikkorrispondi ma' wħud minnhom permezz tal-internet u l-sms.

Billi kuljum naqra l-aħbarijiet dwar il-Kenja verament li l-KENJA qed timxi 'l quddiem fl-infrastruttura.

Issa hemm ħafna toroq bit-tarmak u fl-edukazzjoni primarja issa saret *free* u l-Gvern qed jagħti *laptops* lit-tfal tal-iskejjel primarji. Sa ftit snin ilu ġo Mpeketoni kellna biss skola sekondarja waħda, tal-Gvern imma issa hemm skola f'Lake Amu, Uziwa u Hongwe, kollha tal-Gvern. Barra dawn issa hemm BAKANJA SECONDARY SCHOOL li hija tad-Djoċesi ta' Malindi. U Tereza Nuzzu Secondary School immexxija mis-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù għat-tfajliet li għandha l-Boarding ukoll.

Issa f'Mpeketoni l-Gvern bena sptar b'iktar faċilitajiet mediċi.







**4. Matul iż-żmien li għaddejt fil-Kenja hemm xi esperjenza partikulari li tant baqgħatlek u forsi għadha impressjonata f'qalbek li tixtieq taqsamha mal-oħrajn?**

Sena minnhom ix-xmara TANA faret u t-triq minn Malindi għal Garsen inqatgħet bl-ilma u jiena kont qed nivvjaġġa bil-*bus* li waħlet fit-tajn u kellna nqattgħu l-lejl fil-*bush*. Filgħodu kmieni jiena ma' xi erba' rġiel minn Mpeketoni ddeċidejna li nitilqu bil-mixi. Għalhekk ħafjin u bil-bagalji fuq rasna mxejna biċċa triq sa ma wasalna fuq it-tarmak. Komplejna mxejna għal 20 kilometru oħra sa ma wasalna Garsen fejn sibna ħanut żgħir tat-te u kilna xi żewġ *cappati* u tazza te. Il-Bambin ħabbna għax ġie raġel ħabib tiegħi u bgħattu fil-Missjoni ta' Wena biex jgħid lill-Fathers Spanjoli jiġu bil-karozza tagħhom ħa jwassluna sa Mpeketoni. Meta wasalna fl-għassa ta' WITU, 35 kilometru 'l bogħod sibna 'l-*mechanic* BABU jistenniena biex iwassalna sa Meketoni. Dakinhar il-Mulej ħabbna għax malli l-Father telaq lura lejn WEMA, il-*Banditi* attakkaw il-*bus* li kienet warajna. Imma aħna wasalna bla inkwiet.

Ġrajja oħra li ma titħassarx hija l-Ordinazzjoni Episkopali tal-mibki, Mons. Francis Baldacchino OFMCap bħala l-ewwel Isqof tad-Djoċesi l-ġdida ta' Malindi li saret ġewwa l-*grounds* ta' skola primarja f'Malindi. Il-KattoliċI ta' Mpeketoni vjaġġaw fuq it-trakkijiet.

**5. Xi proġetti u tamiet tara għall-futur tal-Knisja kif ukoll tal-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja?**

Il-Knisja fil-Kenja qiegħda dejjem tikber u tissaħħaħ bil-ħolqien ta' Djoċesijiet ġodda u issa wkoll il-Kardinal l-Eminenza Tiegħu Njue.

Mill-bidu nett tal-Missjoni tagħna fil-Kenja ħsibna biex inxettlu l-Ordni Franġiskan Kapuċċin li fl-1981 il-ħabrieki Patri Pelagju Bilocca, il-Promotur beda jaċċetta l-ewwel grupp ta' tliet żgħażagħ Kenjani u li tnejn minnhom ilhom ħafna snin li saru Saċerdoti. Bl-għajnuna t'Alla u ta' San Franġisk Missierna, il-Viċi Provinċja Kapuċċina Kenjana għandha mas-70 Profess u 20 Postulant f'UMOJA.

**6. Tħares lura lejn storja ta' 40 sena ta' preżenza tal-Missjunarji Kapuċċini Maltin fil-Kenja, speċjalment b'relazzjoni mas-snin li għaddejt hemmhekk, tħoss li għandek tesprimi apprezzament jew gratitudni lejn xi ħadd partikulari?**

Matul dawn l-40 sena fil-Missjoni tal-Kenja l-Missjunarji, kemm dawk li għadhom hemm, kemm dawk li rtiraw u dawk li marru jiltaqgħu ma' Sid il-Ħsad sar ħafna xogħol u dan is-Santa Sede apprezzatu.

Bil-ħolqien tad-Djoċesijiet ta' Garissa u Malindi bl-Isqfijiet Mons. Pawlu Darmanin ta' Garissa u l-Isqof Mons. Emanuel Barbara u Mons. Joe Alessandru bħala Isqof Koadjutur ta' Garissa.

**7. Messaġġ għall-okkażjoni tal-40 Anniversarju ta' Preżenza tal-Kapuċċini Maltin fil-Kenja.**

F'din l-okkażjoni ta' 40 Sena ta' Ħidma Missjunarja fil-Kenja mill-Kapuċċini Maltin l-ewwel nett nirringrazzjaw lil SID il-ĦSAD tal-grazzji li xerred fuq din iż-żerriegħa li issa saret siġra kbira u l-friegħi tagħha tħawlu f'postijiet oħra tal-Kenja. Nirringrazzjaw lill-Benefatturi kollha li dejjem kienu ġenerużi. U lil dawk li jħossu s-Sejħa Missjunarja għamlu kuraġġ u l-Mulej ser ikun dejjem magħkom.

 Dun Pawl Camilleri, B.A., Lic.D.





# Iż-Żwieġ (5): "Ħabbhom għall-Aħħar..."

*Aħna nemmnu li Żwieġ b'saħħtu hu l-ideal possibbli, u jaqbel lis-soċjetà kollha. In-Nisrani għandu għodda kbira biex jagħmel dan: permezz tal-Vanġelu. Illum sejrin nirriflettu fuq dan il-vers: "BILLI KIEN JAF LI WASLET IS-SIEGĦA TIEGĦU ... ĦABBHOM GĦALL-AĦĦAR." (Ġw 13,1)*

Il-Mudelli ta' mħabba li Ġesù joffri lill-miżżewġin huma ħafna u huma serji. Din is-sentenza tal-lum fiha tifsir kbir. Ġesù dejjem ħabb lill-bnedmin, speċjalment lit-Tnax. Imma l-Vanġelu jgħid li l-iktar li ħabbhom kien fil-lejl tat-tradiment. "Ħabbhom għall-aħħar." Kien jaf li Ġuda se jbigħu. Kien jaf li Pietru ser jiċħdu tliet darbiet. Kien jaf li lkoll se jaħarbu u jħalluh waħdu. Tant kien jaf, li ħabbrilhom kollox waqt l-Ikla stess, qabel ma seħħew dawn l-għemejjel.

Minkejja dan kollu, eżatt qabel ma qalilhom dan kollu li kellu jiġri, għamel magħhom att ta' mħabba tal-ġenn. Neħħa l-mantar. Libes fardal. Mela l-lembija bl-ilma. U beda jaħslilhom u jixxottalhom riġlejhom. L-Imgħallem u l-Mulej lid-dixxipli. Is-Sinjur lis-sefturi. "Hu, li għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir." (Fil 2, 6-7)

Alla seta' jitkessaħ mal-bniedem. Ġesù seta' jilgħabha tal-kbir mad-dixxipli. Imma għażel li jilgħabha ta' żgħir, anzi tax-"xejn". Din hija r-realtà tal-imħabba vera. Ħadd m'għandu jagħmel lill-mara jew lir-raġel seftura jew seftur tiegħu jew tagħha. Imma l-attitudni tagħna lejn in-naħa l-oħra għandha tkun li aħna min-naħa tagħna nkunu sefturi "għalih" jew "għaliha". Infittex aktar li naqdi u mhux li nkun moqdi. Fuq kollox dan huwa l-eżempju li jagħtina Ġesù stess meta jgħidilna li hu għalhekk ġie fid-dinja: "Mhux biex ikun moqdi imma biex jaqdi u jagħti ħajtu għall-kotra."

Illum issir aktar enfasi żejda fuq id-drittijiet. Drittijiet għandu kulħadd, u lkoll għandna nirrispettaw id-drittijiet ta' xulxin. Imma jekk nibnu l-imħabba fiż-żwieġ fuq id-drittijiet biss, l-iktar li jista' jkollna hi ġustizzja skont il-liġi. Imma mhux imħabba. Bħalma fil-każ tal-Ewkaristija, Ġesù qalilna: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi" (Lq 22,19), hekk fil-Ħasil tar-Riġlejn: "Jiena ħsiltilkom saqajkom, intom għandkom taħslu saqajn xulxin." (Ġw 12,14) La qalu hu, għandu raġun. Fiż-żwieġ fuq l-eżempju ta' Ġesù nfittxu li aktar inħobbu milli nkunu maħbubin, naqdu aktar milli nkunu moqdija, naħslu riġlejn xulxin bl-imħabba, mhux għax bilfors.



# BURA



## tfakkar l-anniversarju tad-Djoċesi ta' Garissa u tal-Ordinazzjoni Episkopali tal-Isqof Paul Darmanin bi ftuħ ta' knisja ġdida

*It-tberik tal-knisja l-ġdida.*

Il-parroċċa ta' Bura, fid-Djoċesi ta' Garissa, iċċelebrat it-30 anniversarju tat-twaqqif tad-Djoċesi u tal-Ordinazzjoni Episkopali ta' Mons. Paul Darmanin, l-ewwel isqof tal-istess Djoċesi.

Biex timmarka dawn l-anniversarji, il-kappillan flimkien mal-*Fathers* u l-Insara ta' Bura, stiednu lill-Mons. Paul Darmanin u lili għall-ftuħ uffiċjali u t-tberik tal-knisja parrokkjali l-ġdida.

Bura, madwar mitt kilometru 'l isfel minn Garissa, hija mifruxa fuq biċċa art vasta u wietja li snin ilu l-Gvern kien żviluppaha f'*irrigation scheme*. Bura hija maqsuma f'għaxar villaġġi. Jaqsmu din l-art hemm kanali tal-ilma li jiġi ppumpjat mix-xmara. Dawn il-kanali jwasslu l-ilma fl-għelieqi li huma mħollija f'idejn il-bdiewa biex jaħdmuhom.

Il-parroċċa, minbarra l-knisja parrokjali fiċ-ċentru tar-raħal, għandha ħames *out-stations* oħra mxerrdin mal-iskema kollha u li huma milħuqin pastoralment b'mod regolari mhux biss b'quddies matul il-Ħdud iżda wkoll bi qrar u lezzjonijiet ta' katekiżmu matul il-ġimgħa.

Il-parroċċa ta' Bura ħarġet mill-parroċċa ta' Hola minn fejn Fr Joe Galea, il-kappillan tal-parroċċa ta' Hola, madwar ħamsin kilometru 'l bogħod, kien imur regolarment biex iqaddes fil-Ħdud. Mons. Leo White, il-Prefett Appostoliku ta' Garissa kien żviluppa ħafna din iż-żona billi għamilha parroċċa. Fost il-missjunarji Kapuċċini Maltin li ħadmu f'din il-parroċċa, ta' min isemmi lill-Isqof Paul Darmanin li kien ilu hemm għal ftit ġranet bħala kappillan meta mbagħad, tletin sena ilu, waslitlu l-aħbar li kien ġie nominat l-ewwel isqof ta' Garissa.

Wieħed ma jridx jinsa jsemmi wkoll lill-mibki Fr Taddew Schembri li għamel il-pjanti u ħa ħsieb il-bini tal-ewwel knisja ta' din il-parroċċa, iżda li maż-żmien saret żgħira biex tesa' n-numru ta' Nsara li beda jikber.



*Mons. Joe Alessandro mal-Fathers u l-abbatini.*

Għaldaqstant, f'dawn l-aħħar snin, inħasset il-ħtieġa li tinbena knisja akbar. Għalkemm din il-knisja ġdida għadha mhix lesta għalkollox, ġiet imbierka nhar il-Ħadd 27 ta' April, Festa tal-Ħniena Divina, u fiha ġiet iċċelebrata l-ewwel quddiesa.
Il-knisja għadha mingħajr altar, tabernaklu, twieqi u żebgħa, iżda dawn isiru bil-mod il-mod maż-żmien bil-kontribuzzjoni tan-nies tal-post u ta' xi benefatturi oħra li joffru l-għajnuna tagħhom.

Bħalissa l-parroċċa ta' Hola hija mmexxija minn komunità ta' patrijiet tal-Fraternità Missjunarja ta' Marija, mill-Gwatemala.

Lejn l-aħħar tal-quddiesa l-Isqof irringrazzja lil Fr Josè Lopez li temm il-ħidma tiegħu ta' kappillan biex jirritorna lejn pajjiżu wara 14-il sena fil-Kenja, u ppreżenta lil Fr Ernesto Contreras bħala l-kappillan il-ġdid.

Ma naqasx il-ferħ tan-nies għal din il-knisja l-ġdida, li ntwera bis-sehem attiv li ħadu fil-quddiesa, bil-kant u biż-żfin. L-atmosfera ta' ferħ fakkritni fil-ferħ tal-Evanġelju li l-Papa Franġisku tant qed jisħaq fuqu fil-ħajja tagħna l-Insara.

Wara l-quddiesa, nies minn kull villaġġ ippreżentaw fuq l-altar xi prodotti mill-għelieqi tagħhom bħala radd ta' ħajr lil Alla għal dak li pprovdielhom.

Jalla din il-knisja ġdida tkun sinjal ta' Knisja mġedda fil-membri tagħha.


*Il-knisja l-ġdida tal-parroċċa ta' Bura.*



PASTORALI TAL-FAMILJA Fr Joe Mizzi, Direttur Moviment ta' Kana

# Is-Sinodu Straordinarju tal-Isqfijiet magħna

Definizzjoni sabiħa tal-Knisja li erġajt smajt dan l-aħħar hija li l-Knisja hija l-familja tal-familji. Dan bir-raġun, għax il-Knisja tiġbor lil kulħadd, u ma trid ħadd minn uliedha jinqata' barra u/jew li jħossu mwarrab. Bħala omm hija tħobb lil uliedha kollha l-istess u trid li huma jkunu ferħana u jilħqu l-milja tagħhom. Tant hu hekk li, l-Knisja stess issostni li l-bniedem huwa t-triq għaliha, kif ukoll li l-familja hija t-triq tagħha. Il-Knisja b'dan il-mod qed tagħżel li timxi mal-bniedem u mal-familji l-mixja ta' ħajjithom billi takkumpanjahom fi triqathom jinsabu fejn jinsabu. B'xi mod għalhekk, nistgħu ngħidu li, l-**leit motif**, ir-ruħ, ta' dan is-Sinodu se tkun il-viċinanza tal-qalb tal-Knisja mal-familji kollha.

Kienu ħafna dawk li taw il-fehmiet tagħhom għal dan is-sinodu permezz tal-kwistjonarju li ntbagħat kif ukoll permezz ta' konsultazzjonijiet li saru. Dawn wara li ġew studjati sewwa ngabru b'mod sintetizzat ħafna f'dokument wieħed li tqassam lill-Insara kollha. Dan id-dokument bil-Latin isibuh bħala l-*Instrumentum laboris*, i.e. *working document* biex jibdew jaħdmu fuqu. F'din il-laqgħa flimkien, li hija bħal mixja flimkien imsejħa sinodu, il-Papa u l-Isqfijiet rappreżentattivi mid-djoċesijiet kollha tad-dinja, se jiddiskutu dan id-dokument li nistgħu naqsmuh fi tliet oqsma prinċipali:

a. Kif il-Knisja se twassal aħjar is-sbuħija tal-vanġelu taż-żwieġ u tal-familja lill-bniedem tal-lum;
b. Kif l-attenzjoni pastorali tal-Knisja ser twieġeb aħjar għas-sitwazzjonijiet u l-isfidi tal-familja tal-lum;
ċ. Kif il-Knisja se tgħin 'il-ġenituri jiżviluppaw mentalità favur il-ħajja u kif dawn ser irabbu lil uliedhom.

Id-dokument preparattiv għas-sinodu, jidher li jaf tajjeb il-qagħda tal-bniedem tal-lum u tal-kulturi u tal-użanzi differenti li jgħixu fihom il-familji llum. Dan id-dokument fil-qosor ħafna, joħroġ fil-beraħ is-sitwazzjoni

u l-qagħda li tinsab fiha l-familja llum. Il-Knisja hija konxja ħafna tal-isfidi tal-familja u għalhekk l-umiltà kollha se titlob il-qawwa tal-Ispirtu qaddis ta' Alla biex idawwalha u jagħniha b'ispirazzjonijiet ġodda biex twieġeb aħjar għas-sinjali taż-żminijiet. L-isfidi li għandha quddiemha l-Knisja nistgħu niġbruhom fi tlieta:

a. *Sfidi kulturali.* L-idea ta' żwieġ bejn raġel wieħed u mara waħda għal dejjem qiegħda kulma jmur tiġi mhedda. Dan nistgħu narawh minn numru kbir ta' nies li qed nosservaw fid-dinja kollha li jikkoabitaw, i.e. jgħixu flimkien bla ma jiżżewġu biex hekk ma jintrabtux, jiġifieri, biex ma jkollhomx xi jtellifhom il-libertà tagħhom. Dan narawh ukoll minn kemm qed tiżdied is-separazzjoni u l-mentalità divorzista, fejn donnu ma nafux ngħixu flimkien u negħlbu flimkien id-diffikultajiet li nħabbtu wiċċna magħhom; minn kemm hawn ideat differenti ta' forom ta' żwieġ, fosthom li dan jista' jkun ukoll bejn nies tal-istess sess eċċ. Dawn kollha jkomplu jinterpellaw il-Knisja biex tkun aktar kreattiva fil-mod kif se xxandar il-vanġelu taż-żwieġ u l-familja.
b. *Sfidi pastorali.* Fost dawn l-isfidi nsemmi biss kif il-Knisja ser tkun aktar viċin tal-familji, fosthom permezz tal-*home visits* u tat-tberik; kif ser tipprepara aħjar 'il-koppji għas-sagrament taż-żwieġ, f'qawmien mill-ġdid tal-fidi tagħhom; kif ser tgħin lil dawk fl-ewwel snin taż-żwieġ; kif ser tkun viċin dawk separati u kif ser tgħin lil uliedhom biex jersqu għas-sagramenti; kif ser tgħin lil dawk il-koppji li għandhom il-każ tagħhom studjat għal dikjarazzjoni ta' nullità fit-Tribunal tal-Knisja; kif ser tgħin it-tfal ta' unjonijiet tal-istess sess jersqu għas-sagramenti; kif ser tgħin lil dawk il-koppji li għandhom reliġjonijiet differenti; kif ser tgħin lill-koppji Nsara li nqatgħu mis-sagramenti jekk mhux ukoll tilfu l-fidi, eċċ. Dawn is-sitwazzjonijiet jitolbu mill-Knisja atteġġjament pastorali aktar aġġornat u aktar effettiv.
ċ. *Sfidi relazzjonali.* M'hemmx dubbju li l-ħajja tal-koppja għaddejja minn *challenges* kbar. Li żżomm relazzjoni sabiħa u ħajja kulma jmur qed issir iktar kumplessa. Min ser jgħinhom jikbru fir-relazzjoni ta' bejniethom? Kemm għandhom ħin biżżejjed għalihom jew aħjar kemm qed isibu ħin għalihom biss? Kemm qegħdin jikkomunikaw bejniethom? Kemm qegħdin jistrieħu flimkien? Meta ser jaħsbu għat-tfal? Għandna fostna klima favorevoli li tilqa' aktar tfal? Kif ser jedukawhom tajjeb fil-fidi u għall-ħajja? Meta ma jiġux it-tfal x'nagħmlu?

Kif ser isibu bilanċ bejn il-ħin tax-xogħol u l-ħin tal-familja? Kif ser ikampaw dawk il-familji li għandhom problemi ta' faqar minħabba xogħol prekarju jew forsi huma mingħajr xogħol? Kif ser jgħixu dawk il-familji li qed ikollhom jemigraw għax-xogħol?

Nafu li xi familji għandhom problemi serji li ġejjin mill-problema tad-droga, minn dik tax-xorb kif ukoll minn vjolenza psikoloġika, fiżika u sesswali. Oħrajn huma mġarrbin minn mard fiżiku, minn mard mentali u xi wħud kellhom ukoll diffikultajiet serji ħafna bħal suwiċidju fil-familja kif ukoll it-telf ta' xi tarbija. Ma' dawn l-isfidi li semmejt, żgur li hemm ħafna oħra li jnikktu l-qalb tal-Knisja. Dawn l-isfidi relazzjonali u familjari jitolbu mill-Knisja aktar kura/attenzjoni u għajnuna speċjali għall-familja tagħna.

B'dan kollu f'qalbha, il-Knisja f'dan is-sinodu ser titlob lil Alla jgħinha u jagħtiha d-dawl biex tkun tista' toffri direzzjoni ċara u soda għal soluzzjonijiet xierqa u adegwati għall-bniedem tal-lum. Il-Mulej żgur li għandu ħafna x'jgħidilna, żgur li għandu ħafna suġġerimenti x'jagħtina, żgur li għandu ħafna ideat ġodda għalina, biex aħna mbagħad fis-Sinodu tal-2015 inkunu nistgħu npoġġuhom fil-prattika għall-ġid tal-poplu ta' Alla u għall-akbar glorja ta' Alla.





# profili ta' Kittieba Għawdxin,

## Klabb Kotba Maltin, Malta 2014, pp. 259

Dan l-aħħar ġie f'idejja l-ktieb *Profili ta' kittieba Għawdxin* miktub mill-Kavallier Joe M. Attard.

Dan il-ktieb fih profili u tagħrif fuq il-kitbiet ta' 54 awtur Għawdxi li jkopru perjodu ta' mitt sena. Tiskanta kif fi gżira żgħira bħal tagħna nsibu daqshekk awturi li qabdu l-pinna biex jesprimu l-ħsibijiet tagħhom u ħafna minnhom waslu biex ippubblikaw diversi kotba.

Għalkemm il-ktieb jittratta awturi Għawdxin, mhux bilfors kitbu dwar Għawdex. Insibu varjetà ta' awturi li kitbu poeżija, rumanzi, esejs, drammi, folklor, artikli fuq ġurnali, kotba ta' storja, letteratura reliġjuża, kif ukoll studju fuq grammatika Maltija. Lanqas ma nistgħu ngħidu li dawn il-kittieba kitbu għannies ta' Għawdex biss, imma nsibu ħafna minnhom li l-kitba tagħhom tappella għall-poplu ta' Malta u Għawdex.

Kull profil għandu bijografija tal-awtur kif ukoll lista ta' kotba li ppubblikaw, filwaqt li f'xi wħud minnhom hemm kwotazzjonijiet ta' partijiet minn poeżiji. Niftakru li l-awtur ta' dan il-ktieb huwa wkoll poeta.

Dan il-ktieb huwa miktub b'Malti tajjeb u mexxej. Tieħu gost taqrah u ssir taf mill-qrib dawn l-awturi Għawdxin. Inkun żbaljat jekk ngħid li huwa biex taqrah darba biss, iżda huwa ktieb ta' riferenza għal min irid jaqra xi kitbiet fit-tul ta' dawn l-awturi. Għalhekk huwa ktieb li għandu jkun fuq l-ixkaffa ta' min iħobb l-istudju.

Dan il-ktieb huwa ppreżentat b'mod tajjeb ħafna, b'qoxra ferm attraenti magħmula minn Dun Daniel J. Sultana. Ma' kull profil insibu ritratt tal-awtur li jkun jinkiteb fuqu.

Għalija dan ix-xogħol iġib ċerti tifkiriet. Xi wħud mill-awturi studjajthom għall-eżamijiet, oħrajn ktibt ukoll fuqhom, xi wħud kont nafhom sewwa iżda llum ħallew din id-dinja, u oħrajn nafhom u għadhom ħajjin; oħrajn sirt naf dwarhom minn dan il-ktieb.

Il-ktieb jinsab għall-bejgħ fil-ħwienet tal-kotba ewlenin.



KOMPETIZZJONI Fr Wistin Attard OFMCap



# ROKNA Għat-tfal



NIPPARTEĊIPAW U NITGĦALLMU
NUŻAW IL-BIBBJA

## AĦSEB U WIEĠEB

1. Denbhom kien qisu: lifgħa, serp, frosta. (Apk 9,19)
2. David daħal fid-dar ta' Alla u: kiel il-ħobż, straħ ftit, qagħad jitlob. (Mt 12,3-4)
3. Kemm tined ried itella': ħamsa, sebgħa, tlieta. (Mk 9,5)
4. Ġesù dam fid-deżert: erbgħin jum, xahar, ħmistax. (Lq 4,2)
5. Min hu d-dawl tad-dinja: ix-xemx, Ġesù, l-elettriku. (Ġw 8,12)
6. Isem il-muntanja fejn deherlu l-anġlu: Tabor, Ħoreb, Sinaj. (Atti 7,30)
7. Anġlu ta' saħħa kbira kellu fuq rasu: qawsalla, kappell, kuruna. (Apk 10,1)
8. X'irid Ġesù: sagrifiċċju, ħniena, penitenza. (Mt 12,7)
9. Ma raw lil ħadd iżjed ħlief lil: Mosè, Ġesù waħdu, Elija. (Mk 9,8)
10. Lil min għandek tagħti qima u taqdi: lill-Mulej, lix-Xitan. (Lq 4,8)

*Ir-rebbieħ ta' kull kompetizzjoni qed jingħata żewġ kotba ppubblikati reċentement, mogħtija ġentilment minn AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED. Ir-rebbieħ jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar.*

Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:
**ROKNA GĦAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Il-Furjana FRN 1211.**

Agendabookshop

***Ir-rebbieħa tal-Kompetizzjoni TISLIBA 134 ta' Awwissu/Settembru 2014 hija Agnes Spiteri, "Sacred Heart" 113, Triq l-Imsida, Santa Venera.***

***Ir-rebbieħ tal-Kompetizzjoni ROKNA GĦAT-TFAL ta' Awwissu/Settembru 2014 'Aqta' Min' huwa Aron Psaila, "Girasol" Triq il-Karmnu, Ħaż-Żabbar.***

***Nistiednu liż-żewġ rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini - Il-Furjana.***

# Tisliba 135



1. Anqas din ma tibqa' f'lokha. (2 Sam 17,13) (5)
2. F'kull ittra kif nagħmel jien. (2 Tess 3,17) (6)
3. Dawritha ma' rasha. (Ġdt 10,3) (5)
4. Ta' Abraham din. (Gal 3,14) (5)
5. ... wasla sal-baħar. (Mt 17,27) (4)
6. It-telgħa ta' hawn. (Is 15,5) (5)
7. Ix-xjuħ ikunu hekk. (Tit 2,2) (5)
8. ... fil-ħwejjeġ tas-sema. (Kol 3,2) (5)
9. Kif il-ħmara lemħet l-anġlu. (Num 22,23) (3)
10. Nibki ma' dawn. (Mik 1,8) (7)
11. u 12. Bla mistħija, ..., (2 Pt 2,10) (6)
13. L-imsiebaħ ta' din. (1 Mak 4,50) (6)
14. Aktar milli smajna. (1 Ġw 1,3) (5)
15. X'tagħmlu lit-triq. (Ġw 1,23) (5)
16. Din mhijiex tiegħi. (Hos 2,4) (5)
17. Foloz dawn. (Eżek 8,10) (5)
18. Sar sultan ta' 25 sena. (2 Kron 25,1) (7)
19. Magħmula miċ-ċipress. (Ġen 6,14) (4)
20. Jitnixxfu qigħan din. (Żak 10,11) (3)
21. Jitniehdu bih. (Għerf 5,3) (5)
22. Hu bħal din li tilqa' (Prov 30,5)

**SOLUZZJONI TA' AWWISSU-SETTEMBRU 2014**

1. u 11. Qaddisin; 2. Iderri; 3. Artal; 4. Raġun; 5. Fqir; 6. Isħnu; 7. Andar; 8. Anqas; 9. Dar; 10. Amurrin; 11. Ara 1.; 12. u 17. Marana-ta; 13. Armati; 14. Wirtu; 15. Bdoti; 16. Ħaqqu; 17. Ara 12.; 18 Imħadda; 19. Ħmar; 20. Min; 21. Tfajt; 22. Qatet.



# Għajnuna għall-Missjoni

## Kif? B'liema Mod? Kemm?

## 7 MODI KIF TISTA' TGĦIN

**L-ewwel u qabel kollox offri t-talb u s-sagrifiċċji tiegħek għall-ħtiġijiet spiritwali tal-missjunarji.**

1 **BORŻA TA' STUDJU** sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €580.

2 **IBAGĦTULNA BOLOL U TELECARDS UŻATI...** Naċċettaw kull tip ta' bolol u telecards użati. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI. Kull kilo bolol użati aħna nbigħuhom b'5 ewro għall-missjoni.

3 **NAPPREZZAW LI TIBAGĦTULNA RĊEVUTI TAL-VAT** sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni.

4 **BAŻAR B'RISQ IL-MISSJONI.** Miftuħ kuljum mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9.00 u l-11.30am u bejn l-4.30 u s-7.30pm. Ejjew ixtru u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni.

5 **NAPPREZZAW LI TIBAGĦTULNA KULL OĠĠETT LI NISTGĦU NBIGĦU FIL-BAŻAR GĦALL-MISSJONI** minbarra lbies (clothes) u żraben użati.

6 Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta sabiex inqassmu r-Rivista "DAWL FRANĠISKAN" minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċertu bliet u rħula. **OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK.** Għandna bżonn: Baħar iċ-Ċagħaq; B'Kara; Bormla; Il-Għargħur; Il-Manikata; Pembroke; Il-Qawra; San Ġiljan u Santa Luċija.

7 Meta tiġi biex tagħmel it-testment wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a **BILLI THALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.**

*Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:*
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Il-Furjana**

**Telefown:** **2123 3874** **2123 4949** **2122 5525**

**Imejl:** **cutajarphilip777@gmail.com**